Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Settembru 2025**
**(OR. en)**

**12461/25**
**ADD 8**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0810 (NLE)**

**COLAC 138**
**POLCOM 222**
**SERVICES 54**
**FDI 49**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 3 ta' Settembru 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | ANNESS<br>tal-<br>Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL<br>dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 810 annex.

---

Mehmuż: COM(2025) 810 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.9.2025
COM(2025) 810 final

ANNEX 3 – PART 2/2

# ANNESS

*tal-*

## Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra**

**ANNESS III**

IMPENJI GĦALL-AĊĊESS GĦAS-SUQ

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

1. L-Iskeda ta' Parti għal dan l-Anness tistabbilixxi l-impenji għall-aċċess għas-suq li dik il-Parti tagħmel skont l-Artikoli 10.6 (Aċċess għas-Suq) jew 11.4 (Aċċess għas-Suq).

2. Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "CMAP" tfisser in-numri tal-Klassifikazzjoni Messikana tal-Attivitajiet u tal-Prodotti (Clasificación Mexicana de Actividades y Productos) kif stabbiliti mill-Istitut Nazzjonali għall-Istatistika u l-Ġeografija (Instituto Nacional de Estadística y Geografía) fil-Klassifikazzjoni Messikana tal-Attivitajiet u tal-Prodotti (Clasificación Mexicana de Actividades y Productos), 1994;

(b) "CPC" tfisser in-numri tal-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti kif stabbiliti fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti tal-Istatistika, Serje M, Nru 77, Klassifikazzjoni Ċentrali Provviżorja tal-Prodotti, 1991; u

(c) “ISIC” tfisser in-numri tal-iStandard Internazzjonali ta’ Klassifikazzjoni Industrijali tal-Attivitajiet Ekonomiċi kollha kif stabbiliti fl-Uffiċċju tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dokumenti tal-Istatistika, Serje M, Nru 4, ISIC REV 3.1, 2002.

3. L-attivitajiet ekonomiċi f’setturi jew sottosetturi koperti minn dan il-Ftehim u mhux miktuba fl-Iskeda ma humiex koperti mill-impenji għall-aċċess għas-suq imsemmija fil-paragrafu 1.

4. L-Iskeda ta’ Parti hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-GATS.

5. Kull entrata fl-Iskeda tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) “settur” tirreferi għas-settur ġenerali li fih issir l-entrata;

(b) “sottosettur” tirreferi għas-settur jew għall-attività speċifika li fiha jittieħdu l-impenji skont is-CMAP, is-CPC jew l-ISIC, jekk applikabbli;

(c) “limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq” tispeċifika l-limitazzjonijiet applikabbli, inkluża l-possibbiltà li jinżammu l-miżuri eżistenti jekk dan ikun speċifikat, jew li jiġu adottati miżuri restrittivi ġodda jew aktar restrittivi jekk l-aċċess għas-suq ma jkunx marbut, li ma jikkonformawx mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 10.6 (Aċċess għas-Suq) jew 11.4 (Aċċess għas-Suq).

6. Fl-interpretazzjoni ta' entrata, l-elementi kollha ta' dik l-entrata għandhom jiġu kkunsidrati.

7. Impenn meħud fil-livell tal-Unjoni Ewropea japplika għal miżura tal-Unjoni Ewropea u ta' Stat Membru fil-livell nazzjonali kif ukoll għal miżura ta' gvern fi Stat Membru, sakemm l-impenn ma jeskludix Stat Membru.

8. Impenn meħud fil-livell nazzjonali tal-Messiku jew ta' Stat Membru japplika għal miżura ta' gvern fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali f'dak il-pajjiż.

9. Dan l-Anness fih biss limitazzjonijiet nondiskriminatorji fuq l-aċċess għas-suq.

10. Għal ċertezza akbar, il-miżuri li ġejjin ma jikkostitwixxux limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq skont it-tifsira tal-Artikoli 10.6 (Aċċess għas-Suq) u 11.4 (Aċċess għas-Suq), dment li jkunu nondiskriminatorji:

(a) miżuri li jeħtieġu s-separazzjoni tas-sjieda ta' infrastruttura mis-sjieda tal-oġġetti jew tas-servizzi pprovduti permezz ta' dik l-infrastruttura sabiex tkun żgurata l-kompetizzjoni ġusta, pereżempju fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjonijiet;

(b) miżuri li jirrestrinġu l-konċentrazzjoni tas-sjieda sabiex tkun żgurata kompetizzjoni ġusta;

(c) miżuri li jfittxu li jiżguraw il-konservazzjoni u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali u l-ambjent, inkluż limitazzjoni fuq id-disponibbiltà, l-għadd u l-ambitu tal-konċessjonijiet mogħtija, u l-impożizzjoni ta' moratorju jew projbizzjoni;

(d) miżuri li jillimitaw l-għadd ta' awtorizzazzjonijiet mogħtija minħabba restrizzjonijiet tekniċi jew fiżiċi, pereżempju, l-ispettri u l-frekwenzi tat-telekomunikazzjonijiet; jew

(e) miżuri li jeħtieġu li ċertu perċentwal tal-azzjonisti, sidien, sħab, jew diretturi ta' intrapriża jkunu kkwalifikati jew jipprattikaw ċerta professjoni bħal avukati jew kontabilisti.

11. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw fl-Iskeda tal-Unjoni Ewropea:

AT l-Awstrija

BE il-Belġju[1]

BG il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ iċ-Ċekja

[1] Għall-finijiet tar-riżervi fil-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u l-komunitajiet billi kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti.

| | |
|---|---|
| DE | il-Ġermanja |
| DK | id-Danimarka |
| EE | l-Estonja |
| ŻEE | iż-Żona Ekonomika Ewropea |
| EL | il-Greċja |
| ES | Spanja |
| UE | l-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha |
| FI | il-Finlandja[2] |
| FR | Franza |
| HR | il-Kroazja |
| HU | l-Ungerija |

[2] Għall-finijiet tar-riżervi fil-Finlandja, livell reġjonali tal-gvern ifisser il-Gżejjer Åland.

| | |
|---|---|
| IE | l-Irlanda |
| IT | l-Italja |
| LT | il-Litwanja |
| LU | il-Lussemburgu |
| LV | il-Latvja |
| MT | Malta |
| NL | in-Netherlands |
| PL | il-Polonja |
| PT | il-Portugall |
| RO | ir-Rumanija |
| SE | l-Iżvezja |

SI is-Slovenja

SK is-Slovakkja

12. Għall-finijiet tal-Iskeda tal-Messiku:

(a) "1)" tirreferi għall-provvista ta' servizz mit-territorju tal-Unjoni Ewropea fit-territorju tal-Messiku;

(b) "2)" tirreferi għall-provvista ta' servizz fit-territorju tal-Unjoni Ewropea minn persuna tal-Unjoni Ewropea lil persuna tal-Messiku;

(c) "3)" tirreferi għall-provvista ta' servizz fit-territorju tal-Messiku minn investitur tal-Unjoni Ewropea, jew għal investiment kopert;

(d) "4)" tirreferi għall-provvista ta' servizz minn persuna fiżika tal-Unjoni Ewropea fit-territorju tal-Messiku.

**Appendiċi III-A**

IMPENJI GĦALL-AĊĊESS GĦAS-SUQ

SKEDA TAL-UE

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-1 – Is-setturi kollha | |
| Preżenza kummerċjali | Fir-rigward tal-Investiment:<br>Fl-UE: Kwalunkwe Stat Membru, meta jbigħ jew jiddisponi mill-interessi ta' ekwità tiegħu f'intrapriża tal-istat eżistenti jew entità governattiva eżistenti li tipprovdi servizzi tas-saħħa, soċjali jew edukattivi (CPC 93, 92), jew l-assi tagħha, jista' jipprojbixxi jew jimponi limitazzjonijiet fuq is-sjieda ta' dawk l-interessi jew l-assi, u fuq l-abbiltà tas-sidien ta' dawk l-interessi jew l-assi li jikkontrollaw kwalunkwe intrapriża li tirriżulta, minn imprendituri tal-Messiku jew l-investimenti tagħhom. Fir-rigward ta' dak il-bejgħ jew disponiment ieħor, kwalunkwe Stat Membru jista' jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura li tillimita l-għadd ta' fornituri. |
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br>Fl-UE: Servizzi meqjusa bħala utilitajiet pubbliċi f'livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu suġġetti għal monopolji pubbliċi jew għal drittijiet esklussivi mogħtija lil operaturi privati. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | L-utilitajiet pubbliċi jeżistu f'setturi bħal servizzi ta' konsultazzjoni xjentifika u teknika relatati, servizzi ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) dwar xjenzi soċjali u l-studji umanistiċi, servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi, servizzi ambjentali, servizzi tas-saħħa, servizzi tat-trasport u servizzi awżiljarji għall-modi kollha ta' trasport. Spiss jingħataw drittijiet esklussivi fuq dawk is-servizzi lil operaturi privati, pereżempju operaturi b'konċessjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi, suġġetti għal obbligi ta' servizz speċifiċi. Minħabba li s-servizzi ta' utilità pubblika spiss jeżistu wkoll fuq livell sottoċentrali, skedar speċifiku għas-settur li jkun dettaljat u komprensiv ma huwiex prattiku. Din ir-riżerva ma tapplikax għat-telekomunikazzjoni u għas-servizzi tal-kompjuters u dawk relatati.<br><br>Fil-BG: Ċerti attivitajiet ekonomiċi relatati mal-isfruttar jew l-użu ta' proprjetà tal-Istat jew pubblika huma suġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konċessjonijiet. F'korporazzjonijiet kummerċjali li fihom l-Istat jew muniċipalità jkollhom sehem ta' aktar minn 50 % fil-kapital, kwalunkwe tranżazzjoni għad-disponiment ta' assi fissi tal-korporazzjoni, biex jiġu konklużi kwalunkwe kuntratti għal akkwiżizzjoni ta' parteċipazzjoni, lokazzjoni, attività konġunta, kreditu, garanzija ta' riċevibbli, kif ukoll it-tiġrib ta' xi obbligi li jirriżultaw minn kambjali, hija suġġetta għal awtorizzazzjoni jew permess mill-Aġenzija għall-Privatizzazzjoni jew minn korpi oħra statali jew reġjonali, skont liema minnhom tkun l-awtorità kompetenti. Din ir-riżerva ma tapplikax għall-estrazzjoni u għax-xogħol fil-barrieri, li huma suġġetti għal riżerva separata.<br><br>Fl-HU: Preżenza kummerċjali trid tieħu l-forma ta' kumpanija b'responsabilità limitata, kumpanija limitata b'ishma jew uffiċċju rappreżentattiv. Dħul inizjali bħala fergħa ma huwiex permess ħlief għas-servizzi finanzjarji.<br><br>Fl-IT: L-akkwiżizzjoni ta' ekwità ta' kumpaniji li joperaw fil-qasam tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, u l-akkwiżizzjoni ta' assi strateġiċi fl-oqsma tas-servizzi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija jistgħu jkunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-Presidenza tal-Uffiċċju tal-Kunsill tal-Ministri. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fl-IT: L-Istat jista' jeżerċita ċerti setgħat speċjali f'intrapriżi li joperaw fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, u f'ċerti attivitajiet ta' importanza strateġika fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport u l-komunikazzjoni. Dan jirrigwarda l-persuni ġuridiċi kollha li jwettqu attivitajiet meqjusa ta' importanza strateġika fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, mhux biss il-kumpaniji privatizzati.<br><br>Meta jkun hemm theddida ta' dannu serju għall-interessi essenzjali tad-difiża u tas-sigurtà nazzjonali, il-Gvern għandu setgħat speċjali li:<br><br>(a) jimponi kundizzjonijiet speċifiċi fix-xiri tal-ishma;<br><br>(b) jagħmel veto għall-adozzjoni ta' riżoluzzjonijiet relatati ma' operazzjonijiet speċjali bħal trasferimenti, fużjonijiet, qsim u bidliet fl-attività; jew<br><br>(c) jirrifjuta l-akkwiżizzjoni tal-ishma, jekk ix-xerrej jipprova jżomm livell ta' parteċipazzjoni fil-kapital li x'aktarx jippreġudika l-interessi tad-difiża u s-sigurtà nazzjonali.<br><br>Kull riżoluzzjoni, att u tranżazzjoni (trasferimenti, fużjonijiet, qsim, bidla fl-attività, terminazzjoni) relatati ma' assi strateġiċi fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport u l-komunikazzjoni għandhom jiġu nnotifikati mill-kumpanija kkonċernata lill-uffiċċju tal-Prim Ministru. B'mod partikolari, għandhom jiġu nnotifikati l-akkwiżizzjonijiet minn kull persuna fiżika jew ġuridika barra l-UE li jagħtu lil din il-persuna kontroll fuq il-kumpanija.<br><br>Il-Prim Ministru jista' jeżerċita setgħat speċjali biex:<br><br>(a) jagħmel veto għal kull riżoluzzjoni, att u tranżazzjoni li jikkostitwixxu theddida eċċezzjonali ta' dannu serju għall-interess pubbliku fis-sigurtà u l-operat ta' networks u provvisti;<br><br>(b) jimponi kundizzjonijiet speċifiċi sabiex jiġi ggarantit l-interess pubbliku; jew<br><br>(c) jirrifjuta l-akkwiżizzjoni f'każijiet eċċezzjonali ta' riskju għall-interessi essenzjali tal-Istat. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Il-kriterji li fuqhom tiġi evalwata t-theddida reali jew eċċezzjonali u l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat speċjali huma stabbiliti fil-liġi.<br><br>Fil-LT: Il-Gvern jista' jirrevedi u jimponi restrizzjonijiet fir-rigward tal-investiment f'intrapriżi ta' importanza strateġika għas-sigurtà nazzjonali fir-rigward tas-sjieda (proporzjon ta' kapital li jista' jinżamm minn persuni privati nazzjonali jew barranin li jikkonformaw mal-interessi tas-sigurtà nazzjonali); investiment f'intrapriżi, setturi u faċilitajiet ta' importanza strateġika għas-sigurtà nazzjonali; u l-proċeduri u l-kriterji għad-determinazzjoni tal-konformità ta' investituri nazzjonali potenzjali u ta' parteċipanti potenzjali fl-intrapriżi). |
| Akkwiżizzjoni ta' proprjetà immobbli | Fir-rigward tal-Investiment:<br><br>Fl-HU: Mhux marbut għall-akkwiżizzjoni ta' proprjetajiet tal-Istat.<br><br>Fid-DK: L-akkwiżizzjoni ta' art agrikola minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi hija regolata mill-Att Daniż dwar l-Azjendi Agrikoli, li jimponi restrizzjonijiet fuq il-persuni kollha, Daniżi jew barranin, meta jkunu qegħdin jakkwistaw proprjetà agrikola. Għalhekk, kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun tixtieq takkwista proprjetà immobbli agrikola, għandha tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Att. |
| Armi, munizzjon u materjal tal-gwerra | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fl-UE: Mhux marbut għall-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' armi, munizzjon jew materjal tal-gwerra, jew il-kummerċ tagħhom. Il-materjal tal-gwerra huwa limitat għal kwalunkwe prodott li jkun maħsub u magħmul esklussivament għall-użu militari b'rabta mat-twettiq ta' attivitajiet tal-gwerra jew ta' difiża. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-2 – Servizzi Professjonali (il-professjonijiet kollha minbarra dawk relatati mas-saħħa) | |
| Servizzi legali (parti minn CPC 861), inklużi servizzi ta' aġenti tal-privattivi[3]. | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>L-UE: Bl-eċċezzjoni tal-SE, mhux marbut fir-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' konsulenza legali, awtorizzazzjoni legali, dokumentazzjoni u ta' ċertifikazzjoni pprovduti minn professjonisti legali b'funzjonijiet pubbliċi, bħal nutara, huissiers de justice jew officiers publics et ministériels oħra, u fir-rigward ta' servizzi pprovduti minn bailiffs li jinħatru permezz ta' att uffiċjali tal-gvern (parti minn CPC 861, parti minn 87902).<br><br>Fiċ-CZ: Hija meħtieġa ammissjoni sħiħa fil-Kamra tal-Avukati biex jiġu pprattikati s-servizzi legali, inkluża r-rappreżentanza quddiem il-qrati. Avukati barranin ammessi fl-Assoċjazzjoni tal-Kmamar tal-Avukati Ċeka għandhom ikunu intitolati li jipprovdu servizzi legali fil-liġi tal-pajjiż li fih ikunu kisbu d-dritt tagħhom li jipprovdu servizzi legali, u fid-dritt internazzjonali.<br><br>Fid-DK: Japplikaw rekwiżiti għat-twettiq ta' servizzi legali taħt it-titolu ta' "advokat" (avukat)[4].<br><br>Fi FR: Ir-rappreżentanza quddiem il-Cour de Cassation u l-Conseil d'Etat hija suġġetta għall-kwoti.<br><br>Fl-HU: Avukati barranin jistgħu jipprovdu pariri legali dwar id-dritt tal-pajjiż ta' oriġini u dwar id-dritt internazzjonali fi sħab ma' avukat Ungeriż jew ditta legali Ungeriża. Il-preżenza kummerċjali għandha tieħu l-forma ta' sħubija ma' avukat Ungeriż (ügyvéd) jew uffiċċju ta' avukat (ügyvédi iroda). |

[3] Għal ċertezza akbar, b'mod konsistenti man-Noti ta' Spjegazzjoni, ir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni ma' Kamra tal-Avukati jistgħu jinkludu r-rekwiżit ta' lawrja fil-liġi jew ekwivalenti miksuba fil-pajjiż ospitanti, jew ta' taħriġ taħt is-superviżjoni ta' avukat liċenzjat, jew ir-rekwiżit ta' uffiċċju jew indirizz postali fil-ġuriżdizzjoni tal-Kamra tal-Avukati mas-sħubija. Sa fejn dawk ir-rekwiżiti ma humiex diskriminatorji, ma humiex elenkati.

[4] Ara l-Anness I.

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br>Fl-AT: Mhux marbut għall-istabbiliment għall-prattika tad-dritt internazzjonali pubbliku u d-dritt tal-pajjiż ta' oriġini; il-prattika ta' servizzi legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u d-dritt tal-pajjiż ta' oriġini hija permessa biss fuq bażi transfruntiera.<br>Fil-BG, CY, iċ-CZ, il-DE, id-DK, il-EL, l-EE, ES, FR, l-IE, l-IT, il-LV, il-LT, il-LU, MT, in-NL, il-PT, ir-RO u s-SK: Japplikaw rekwiżiti nondiskriminatorji għall-forma ġuridika.<br>Fil-BG: L-isem tad-ditta legali għandu jinkludi biss l-ismijiet tas-soċji rreġistrati.<br>Fi FR: F'ditta legali li tipprovdi servizzi fir-rigward tad-dritt Franċiż jew tal-Unjoni Ewropea, id-drittijiet ta' parteċipazzjoni azzjonarja u tal-vot jistgħu jkunu suġġetti għal restrizzjonijiet kwantitattivi relatati mal-attività professjonali tas-soċji.<br>Fil-LT: Xi tipi ta' forom ġuridiċi jistgħu jkunu riżervati esklussivament għall-avukati li jkunu ammessi fil-Kamra tal-Avukati, fuq bażi nondiskriminatorja.<br>Fis-SI: Il-preżenza kummerċjali għal avukati maħtura mill-Assoċjazzjoni tal-Kmamar tal-Avukati Slovena hija ristretta għal impriża individwali, ditta legali b'responsabilità limitata (soċjetà f'isem kollettiv) jew għal ditta legali b'responsabilità illimitata (soċjetà f'isem kollettiv) biss. L-attivitajiet ta' ditta legali għandhom ikunu ristretti għall-prattika tad-dritt. L-avukati biss jistgħu jkunu soċji f'ditta legali.<br>Fl-SE: Membru tal-Kamra tal-Avukati biss jista' direttament jew indirettament, jew permezz ta' kumpanija, jipprattika bħala avukat, ikollu ishma fil-kumpanija jew ikun soċju. Membru tal-Kamra tal-Avukati biss jista' jkun membru jew deputat membru tal-Bord jew deputat direttur maniġerjali, jew firmatarju awtorizzat jew segretarju tal-kumpanija jew tas-soċjetà f'isem kollettiv. |
| Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba (CPC 8621 minbarra s-servizzi tal-awditjar, 86213, 86219, 86220) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>F'CY: L-aċċess huwa ristrett għall-persuni fiżiċi. Hija meħtieġa awtorizzazzjoni, suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-sottosettur. Huma permessi assoċjazzjonijiet professjonali (soċjetajiet f'isem kollettiv) bejn persuni fiżiċi. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br>Fi FR: Provvista permezz ta' SEL (société d'exercice liberal) (anonyme, à responsabilité limitée jew en commandite par actions), AGC (association de gestion et comptabilité) jew SCP (société civile professionnelle) biss (CPC 86213, 86219, 86220). |
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-HU: Mhux marbut għal attivitajiet transfruntiera għall-kontabilità u ż-żamma tal-kotba.<br>Fl-IT: Mhux marbut għal attivitajiet transfruntiera għal servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba (CPC 86213, 86219, 86220).<br>Fis-SI: Mhux marbut għal attivitajiet transfruntiera għas-servizzi tal-kontabilità u ż-żamma tal-kotba. (CPC 86213, 86219, 86220). |
| Servizzi tal-awditjar (CPC 86211 u 86212 minbarra s-servizzi ta' kontabilità) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>F'CY: L-aċċess huwa ristrett għall-persuni fiżiċi. Hija meħtieġa awtorizzazzjoni, suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-sottosettur. Huma permessi assoċjazzjonijiet professjonali (soċjetajiet f'isem kollettiv) bejn persuni fiżiċi. |
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br>Fil-BE: Huwa meħtieġ stabbiliment fil-BE fejn tkun se sseħħ l-attività professjonali u fejn ikunu se jinżammu l-atti, id-dokumenti u l-korrispondenza relatati magħha. Tal-anqas amministratur jew maniġer wieħed tal-istabbiliment irid jiġi approvat bħala awditur.<br>Fil-BG: Japplikaw rekwiżiti nondiskriminatorji għall-forma ġuridika.<br>Fiċ-CZ: Intrapriża b'mill-inqas 60 % tal-interessi kapitali jew drittijiet tal-vot riżervati għaċ-ċittadini taċ-CZ jew għaċ-ċittadini ta' Stat Membru biss tista' tiġi awtorizzata twettaq awditi fiċ-CZ. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fil-DE: Il-kumpaniji tal-awditjar (Wirtschaftsprüfungsgesellschaften) jistgħu jadottaw biss forom ġuridiċi ammissibbli fl-UE jew fiż-ŻEE. Is-soċjetajiet f'isem kollettiv u s-soċjetajiet kummerċjali limitati jistgħu jkunu rikonoxxuti bħala Wirtschaftsprüfungsgesellschaften jekk ikunu elenkati bħala soċjetajiet kummerċjali fir-reġistru tal-kummerċ fuq il-bażi tal-attivitajiet fiduċjarji tagħhom, l-Artikolu 27 tal-Wirtshaftsprüferordnung (WPO). Madankollu, awdituri minn pajjiżi terzi rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 134 tal-Wirtshaftsprüferordnung (WPO) jistgħu jwettqu l-awditu statutorju tad-dikjarazzjonijiet fiskali annwali jew jipprovdu r-rapporti finanzjarji konsolidati ta' kumpanija bis-sede ċentrali tagħha barra mill-UE, li t-titoli trasferibbli tagħha jkunu offruti għall-kummerċ f'suq regolat.<br><br>Fid-DK: Id-drittijiet tal-vot f'ditti tal-awditjar approvati ta' awdituri u ditti tal-awditjar mhux approvati f'konformità mar-regolament li jimplimenta t-Tmien Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE tal-10 ta' April 1984 ibbażata fuq id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati ma għandhomx jaqbżu l-10 % tad-drittijiet tal-vot.<br><br>Fil-FI: Hija meħtieġa residenza fiż-ŻEE għal mill-anqas wieħed mill-awdituri ta' kumpanija Finlandiża b'responsabbiltà limitata u ta' kumpaniji li huma taħt obbligu li jagħmlu awditu. Awditur irid ikun awditur b'liċenzja lokali jew ditta tal-awditjar b'liċenzja lokali.<br><br>Fi FR: Għall-awditi statutorji: provvista permezz ta' kull forma ta' kumpanija minbarra SNC (société en nom collectif) u SCS (société en commandite simple).<br><br>Fil-PL: Japplikaw rekwiżiti għall-forma ġuridika.<br><br>Fis-SK: Intrapriża li fiha tal-anqas 60 % tal-interessi kapitali jew tad-drittijiet tal-vot ikunu riżervati għaċ-ċittadini Slovakki jew għaċ-ċittadini ta' Stat Membru biss tista' tiġi awtorizzata twettaq awditi fis-SK. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fil-DE: Awdituri minn pajjiżi terzi rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 134 tal-Wirtshaftsprüferordnung (WPO) jistgħu jwettqu l-awditu statutorju tad-dikjarazzjonijiet fiskali annwali jew jipprovdu r-rapporti finanzjarji konsolidati ta' kumpanija bis-sede ċentrali tagħha barra mill-UE, li t-titoli trasferibbli tagħha jkunu offruti għall-kummerċ f'suq regolat.<br>Fl-HU u l-PT: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi tal-awditjar. |
| Servizzi ta' tassazzjoni (CPC 863, minbarra s-servizzi ta' konsulenza legali u ta' rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet ta' taxxa, li jinstabu taħt is-Servizzi legali) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>F'CY: L-aċċess huwa ristrett għall-persuni fiżiċi. Hija meħtieġa awtorizzazzjoni, suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni: is-sitwazzjoni tal-impjiegi fis-sottosettur. Huma permessi assoċjazzjonijiet professjonali (soċjetajiet f'isem kollettiv) bejn persuni fiżiċi.<br>Fil-PL: Japplikaw rekwiżiti għall-forma ġuridika. |
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br>Fi FR: Provvista permezz ta' SEL (société d'exerce liberal) (anonyme, à responsabilité limitée jew en commandite par actions) jew SCP (société civile professionnelle) biss. |
| Servizzi ta' arkitettura u ppjanar urban, servizzi ta' Inġinerija u ta' Inġinerija Integrata (CPC 8671, 8672, 8673, 8674) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fil-BG: Għal proġetti arkitettoniċi u ta' inġinerija ta' importanza nazzjonali jew reġjonali, l-investituri barranin iridu jaġixxu f'soċjetà ma' investituri lokali, jew bħala sottokuntratturi tagħhom (CPC 8671, 8672, 8673). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br><br>Fi FR: Perit jista' biss jistabbilixxi ruħu fi FR sabiex jipprovdi servizzi arkitettoniċi billi juża waħda mill-forom ġuridiċi li ġejjin fuq bażi nondiskriminatorja: SA (société anonyme) u SARL (société à responsabilité limitée), EURL (entreprise unipersonnelle à responsabilité limitée), SCP (société en commandite par actions), SCOP (société coopérative et participative), SELARL (société d'exercice libéral à responsabilité limitée), SELAFA (société d'exercice libéral à forme anonyme), SELAS (société d'exercice libéral) jew SAS (société par actions simplifiée), jew bħala individwu jew bħala soċju f'ditta arkitettonika (CPC 8671). |
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi biss:<br><br>Fil-HR: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera tal-ippjanar urban. Disinn jew proġett maħluq minn perit, inġinier jew pjanifikatur urban barrani jrid jiġi vvalidat minn persuna fiżika jew ġuridika awtorizzata fil-HR fir-rigward tal-konformità tiegħu mad-Dritt Kroat (CPC 8671, 8672, 8673, 8674). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-3 – Servizzi Professjonali – Relatati mas-saħħa u l-bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi | |
| Servizzi mediċi u dentali; servizzi pprovduti minn qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, psikologi u persunal paramediku (CPC 85201, 9312, 9319) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fiċ-CZ u f'MT: Mhux marbut għall-provvista tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba mediċi, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi, psikologi, kif ukoll servizzi relatati oħra (CPC 9312, parti minn 9319).<br><br>Fil-FI: Mhux marbut għall-provvista tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, kemm jekk iffinanzjati mis-settur pubbliku jew mill-privat, inkluż servizzi mediċi u dentali, servizzi pprovduti minn qwiebel, fiżjoterapisti u persunal paramediku u servizzi pprovduti minn psikologi, minbarra servizzi pprovduti minn infermiera. (CPC 9312, 93191)<br><br>Fil-BG: Mhux marbut għall-provvista tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inkluż servizzi mediċi u dentali, servizzi pprovduti minn infirmiera, qbiela, fiżjoterapisti u persunal paramediku u servizzi pprovduti minn psikologi. (CPC 9312, parti minn 9319)<br><br>Fil-DE: Jistgħu jiġu imposti restrizzjonijiet ġeografiċi li japplikaw kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-barranin fuq ir-reġistrazzjoni professjonali.<br><br>It-tobba inkluż il-psikologi, il-fiżjoterapisti, u d-dentisti huma meħtieġa jirreġistraw mal-assoċjazzjonijiet reġjonali tat-tobba jew tad-dentisti tal-assigurazzjoni medika statutorja (kassenärztliche or kassenzahnärztliche Vereinigungen), jekk ikunu jixtiequ jieħdu pazjenti assigurati mill-fondi tas-saħħa statutorji. Din ir-reġistrazzjoni tista' tkun suġġetta għal restrizzjonijiet kwantitattivi bbażati fuq id-distribuzzjoni reġjonali tat-tobba. Din ir-restrizzjoni ma tapplikax għad-dentisti. Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa biss għal tobba li jipparteċipaw fl-iskema tas-saħħa pubblika.<br><br>Għas-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel, l-aċċess huwa ristrett għal persuni fiżiċi biss.<br><br>It-telemediċina tista' tiġi pprovduta biss fil-kuntest ta' kura primarja li tinvolvi l-preżenza fiżika minn qabel ta' tabib. L-għadd ta' fornituri ta' servizzi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jista' jkun limitat sabiex jiġu ggarantiti l-istandards meħtieġa ta' interoperabbiltà, kompatibbiltà u sikurezza (CPC 9312, 93191). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br><br>Fl-AT: Il-kooperazzjoni tat-tobba għall-iskop ta' kura tas-saħħa pubblika ambulatorja, hekk imsejħa prattiki ta' grupp, tista' sseħħ biss fil-forma ġuridika ta' Offene Gesellschaft (OG) jew Gesellschaft mit beschränkter Haftung (GmbH). It-tobba biss jistgħu jaġixxu bħala assoċjati ta' dik il-prattika ta' grupp. Huma għandhom ikunu intitolati għal prattika medika indipendenti, ikunu rreġistrati mal-Kamra Medika Awstrijaka u jeżerċitaw attivament il-professjoni medika fil-prattika. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħra ma jistgħux jaġixxu bħala assoċjati tal-prattika ta' grupp u ma għandhomx jaqsmu d-dħul jew il-profitti tagħha (parti minn CPC 9312).<br><br>Fil-DE: Jistgħu jeżistu restrizzjonijiet fuq il-forma ġuridika ta' stabbiliment meħtieġa sabiex jiġu pprovduti dawn is-servizzi (il-punt 95 SGB V). |
| Servizzi Veterinarji (CPC 932) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fil-DE: It-telemediċina tista' tiġi pprovduta biss fil-kuntest ta' kura primarja li tinvolvi l-preżenza fiżika minn qabel ta' veterinarju.<br><br>Fil-DE, fid-DK, fi ES, fil-LV, fin-NL u fis-SK: Il-provvista ta' servizzi veterinarji hija limitata għall-persuni fiżiċi.<br><br>Fl-IE: Il-provvista ta' servizzi veterinarji hija ristretta għall-persuni fiżiċi jew għas-soċjetajiet.<br><br>Fl-HU: L-awtorizzazzjoni hija suġġetta għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni: il-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol fis-settur. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
| --- | --- |
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br><br>Fil-BG: Stabbiliment mediku veterinarju jista' jiġi stabbilit minn persuna fiżika jew ġuridika.<br><br>Fi FR: Il-forom ġuridiċi disponibbli għal kumpanija li tipprovdi servizzi veterinarji huma limitati għal SEP (société en participation), SCP (société civile professionnelle) u SEL (société d'exercice liberal). |
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fil-BE u fil-LV: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi veterinarji. |
| Bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi, mediċinali u ortopediċi, servizzi oħra pprovduti minn spiżjara (CPC 63211) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fil-BG, fl-EE, u fi ES: Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti farmaċewtiċi huwa pprojbit.<br><br>Fl-EE: Il-konsenja permezz ta' servizz postali jew express ta' prodotti mediċinali ordnati permezz tal-internet hija pprojbita.<br><br>Fil-DE, fid-DK, fil-EL, fi ES u fil-LU: Persuni fiżiċi biss jistgħu jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi u oġġetti mediċi speċifiċi lill-pubbliku.<br><br>Fil-EL: Spiżjara liċenzjati, u kumpaniji stabbiliti minn spiżjara liċenzjati biss jistgħu jipprovdu servizzi ta' bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi u oġġetti mediċinali speċifiċi lill-pubbliku.<br><br>Fil-FI: Mhux marbut għall-bejgħ bl-imnut ta' prodotti farmaċewtiċi.<br><br>Fl-IT: Il-prattika tal-professjoni hija possibbli biss għal persuni fiżiċi rreġistrati fir-reġistru, kif ukoll għal persuni ġuridiċi fil-forma ta' soċjetajiet, fejn kull soċju tal-kumpanija jrid ikun irreġistrat bħala spiżjar.<br><br>Fl-SE: Mhux marbut għall-bejgħ bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi u l-provvista ta' oġġetti farmaċewtiċi lill-pubbliku ġenerali. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br><br>Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-EL, l-IE, il-LT, il-LU u n-NL: Restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' fornituri intitolati li jipprovdu servizz partikolari f'żona speċifika jew post lokali fuq bażi nondiskriminatorja sabiex tiġi evitata l-provvista żejda f'postijiet b'domanda limitata. Għalhekk jista' jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, li jqis fatturi bħall-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni jew il-firxa ġeografika.<br><br>Fl-AT: Il-bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi u oġġetti mediċinali speċifiċi lill-pubbliku jista' jsir biss permezz ta' spiżerija.<br><br>Fil-BG: Il-maniġers tal-ispiżeriji jridu jkunu spiżjara kkwalifikati u jistgħu jimmaniġġaw spiżerija waħda biss li huma stess jaħdmu fiha. Teżisti kwota għall-għadd ta' spiżeriji li jistgħu jappartjenu lil persuna waħda.<br><br>Fil-BG u fl-EE: Il-bejgħ bl-imnut ta' farmaċewtiċi u oġġetti mediċinali speċifiċi lill-pubbliku jista' jsir biss permezz ta' spiżerija.<br><br>Fil-DE: L-għadd totali ta' spiżeriji għal kull persuna huwa limitat għal spiżerija waħda u sa tliet fergħat ta' spiżerija.<br><br>Fi ES: Spiżjar jista' jkollu biss liċenzja waħda.<br><br>Fi FR: Il-ftuħ ta' spiżerija jeħtieġ li jkun awtorizzat u l-preżenza kummerċjali, li tinkludi l-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti mediċinali lill-pubbliku permezz tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, jeħtieġ li tieħu waħda mill-forom ġuridiċi li huma permessi skont il-liġi nazzjonali fuq bażi nondiskriminatorja: SEL (société d'exercice liberal) (anonyme, à responsabilité limitée jew en commandite par actions), SNC (société en noms collectifs), jew SARL (société à responsabilité limitée) biss.<br><br>F'MT: Ebda persuna ma għandu jkollha aktar minn liċenzja waħda f'isimha fi kwalunkwe belt jew raħal (ir-Regolament 5(1) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji (LN279/07)), ħlief f'każ fejn ma jkun hemm ebda applikazzjoni ulterjuri għal dik il-belt jew ir-raħal (ir-Regolament 5(2) tar-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Ispiżeriji (LN279/07)). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fil-PT: F'kumpaniji kummerċjali fejn il-kapital huwa rrappreżentat b'ishma, dawn għandhom ikunu nominattivi. L-ebda persuna ma għandha żżomm jew teżerċita, fl-istess ħin, direttament jew indirettament, is-sjieda, l-operat jew il-ġestjoni ta' aktar minn erba' spiżeriji.<br><br>Fis-SI: In-network ta' spiżeriji fis-SI jikkonsisti f'istituzzjonijiet ta' spiżeriji pubbliċi, proprjetà tal-muniċipalitajiet, u ta' spiżjara privati b'konċessjoni fejn is-sid maġġoritarju jrid ikun spiżjar. |
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fil-BG u fi ES: Il-bejgħ bil-korrispondenza ta' prodotti farmaċewtiċi huwa pprojbit.<br><br>Fiċ-CZ: Ix-xiri bil-korrispondenza huwa possibbli biss mill-Istati Membri.<br><br>Fil-BG, fil-LT u fis-SI: Ix-xiri bil-korrispondenza ta' farmaċewtiċi li jirrikjedu riċetta huwa pprojbit. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-4 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' riċerka u żvilupp<br>(CPC 851, 852, 853) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-UE: Għal servizzi ta' riċerka u żvilupp iffinanzjati pubblikament (R&Ż) li jibbenefikaw minn finanzjament ipprovdut mill-UE fil-livell tal-UE, id-drittijiet jew l-awtorizzazzjonijiet esklussivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri u lil intrapriżi tal-UE li jkollhom l-uffiċċju reġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-UE (CPC 851, 853).<br>Għal servizzi ta' R&Ż iffinanzjati pubblikament li jibbenefikaw minn finanzjament ipprovdut minn Stat Membru, id-drittijiet jew l-awtorizzazzjonijiet esklussivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat u lil intrapriżi tal-Istat Membru kkonċernat li jkollhom is-sede ċentrali tagħhom f'dak l-Istat Membru (CPC 851, 853).<br>Din ir-riżerva hija mingħajr preġudizzju għall-esklużjoni tal-akkwist minn Parti, jew ta' sussidji għall-kummerċ fis-servizzi msemmija fl-Artikoli 10.5 (Kamp ta' applikazzjoni) u 11.2 (Kamp ta' applikazzjoni) rispettivament[5]. |
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi biss<br>Fir-RO: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' riċerka u żvilupp. |

[5] Il-miżuri rilevanti jinkludu: Il-programmi qafas tar-riċerka jew l-innovazzjoni kollha eżistenti u futuri tal-UE, inklużi r-Regoli għall-Parteċipazzjoni f'Orizzont 2020 (stabbiliti bir-Regolament (UE) 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)") u r-regolamenti li għandhom x'jaqsmu mal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (JTIs), id-Deċiżjonijiet tal-Artikolu 185, u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), kif ukoll il-programmi nazzjonali, reġjonali jew lokali ta' riċerka eżistenti u futuri).

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-5 – Servizzi Kummerċjali – Servizzi ta' proprjetà immobbli<br>(CPC 821, 822) | |
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fiċ-CZ u fl-HU: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' proprjetà immobbli. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-6 – Servizzi kummerċjali – Servizzi ta' kiri jew lokazzjoni | |
| (a) Servizzi ta' kiri jew ta' lokazzjoni mingħajr operaturi (CPC 831) | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fl-SE: Il-forrnituri ta' servizzi ta' kiri jew ta' lokazzjoni ta' karozzi u ċerti vetturi off-road (terrängmotorfordon) mingħajr sewwieq, mikrija jew lokati għal perjodu ta' inqas minn sena, huma obbligati jaħtru lil xi ħadd biex ikun responsabbli biex jiżgura, fost affarijiet oħra, li n-negozju jitwettaq f'konformitá mar-regoli u r-regolamenti applikabbli u li jiġu segwiti r-regoli dwar is-sikurezza tat-traffiku fit-toroq. Il-persuna responsabbli trid tkun residenti fl-SE. |
| (b) Servizzi ta' kiri jew ta' lokazzjoni mingħajr operaturi li jikkonċernaw oġġetti personali u domestiċi (CPC 832) | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fil-BE u fi FR: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' lokazzjoni jew ta' kiri mingħajr operatur li jikkonċernaw oġġetti personali u domestiċi. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-7 – Servizzi Kummerċjali | |
| (a) Servizzi tal-kompjuters u servizzi relatati (CPC 84)[6] | Xejn |
| (b) Servizzi ta' riċerka tas-suq u ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika (CPC 864) | Xejn |
| (c) Servizzi ta' konsulenza maniġerjali (CPC 865) u Servizzi relatati mal-konsulenza maniġerjali (CPC 866) | Xejn |
| (d) Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika (CPC 8675) | Fir-rigward tal-Investiment<br>Fi FR: Għall-istħarriġ, aċċess permezz ta' SEL (société d'exercice liberal) (anonyme, à responsabilité limitée jew en commandite par actions), SCP (société civile professionnelle), SA (société anonyme) u SARL (société à responsabilité limitée) biss. L-investituri barranin huma meħtieġa li jkollhom awtorizzazzjoni speċifika għas-servizzi ta' esplorazzjoni u prospettar. |
| (e) Servizzi ta' ttestjar u analiżi tekniċi (CPC 8676) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fil-BG: L-ittestjar u l-analiżi tal-kompożizzjoni u l-purità tal-arja u tal-ilma jistgħu jsiru biss mill-Ministeru għall-Ambjent u l-Ilma tal-BG, jew mill-aġenziji tiegħu f'kooperazzjoni mal-Akkademja Bulgara tax-Xjenzi.<br>Fi FR u fil-PT: Il-professjoni ta' bijologu hija riżervata għall-persuni fiżiċi. |

6 L-UE taqbel mal-"Fehim dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-kopertura tas-servizzi tal-kompjuter – CPC 84".

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
| --- | --- |
| (f) Servizzi ta' reklamar (CPC 871) | Xejn |
| (g) Servizzi ta' Kollokament (CPC 87201, 87202, 87203, 87204, 87205, 87206, 87209) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-HU u tal-SE: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' għajnuna domestika, ħaddiema kummerċjali jew industrijali oħra, infermiera u persunal ieħor (CPC 87204, 87205, 87206, 87209).<br>Fl-AT, fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fl-EE, fil-FI, f'MT, fil-PL, fil-PT, fir-RO, fis-SI u fis-SK: Mhux marbut għall-istabbiliment ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' appoġġ fl-uffiċċji u ħaddiema oħra (CPC 87202).<br>Fl-LV u fil-LT: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' appoġġ fl-uffiċċji (CPC 87202).<br>Fi DE u fl-IT: Restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' fornituri ta' servizzi ta' kollokament.<br>Fi FR: Is-servizzi ta' kollokament jistgħu jkunu suġġetti għal monopolju tal-Istat.<br>Fil-DE: Il-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali jista' joħroġ regolament li jillimita l-kollokament u r-reklutaġġ ta' persunal mhux tal-UE jew mhux taż-ŻEE għal professjonijiet speċifikati (CPC 87202).<br>Fl-AT, fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fil-DE, fil-FI, fl-EE, f'MT, fil-LV, fil-LT, fil-PL, fil-PT, fir-RO, fis-SI u fis-SK: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' provvista ta' persunal ta' appoġġ fl-uffiċċji (CPC 87203).<br>Fl-IT: Restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' fornituri ta' servizzi ta' provvista ta' persunal tal-uffiċċju (87203).<br>Fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fil-DE, fl-EE, fil-FI, f'MT, fil-LV, fil-LT, fil-PL, fil-PT, fir-RO, fis-SI u fis-SK: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' tiftix ta' eżekuttivi (87201). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br><br>Fil-BE: Fir-reġjun ta' Wallonia, tip speċifiku ta' entità ġuridika regolarment ikkostitwita fil-forma ta' persuna ġuridika li jkollha forma kummerċjali, jew skont id-dritt Belġjan, jew skont id-dritt ta' Stat Membru jew regolata minnu, irrispettivament mill-forma ġuridika tagħha (régulièrement constituée sous la forme d'une personne morale ayant une forme commerciale, soit au sens du droit belge, soit en vertu du droit d'un Etat membre ou régie par celui-ci, quelle que soit sa forme juridique) hija meħtieġa tipprovdi servizzi ta' kollokament (CPC 87202).<br><br>Fi ES: Restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' fornituri ta' servizzi ta' tiftix ta' eżekuttivi, u servizzi ta' kollokament (CPC 87201, 87202). |
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-BE, tal-HU u tal-SE: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' appoġġ fl-uffiċċji u ħaddiema oħra (CPC 87202).<br><br>Fi FR, fl-IE, fl-IT u fin-NL: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' kollokament ta' persunal ta' appoġġ fl-uffiċċji (CPC 87203).<br><br>Fl-IE: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera tal-provvista ta' servizzi ta' tiftix ta' eżekuttivi (CPC 87201). |
| (h) Servizzi tas-sigurtà (CPC 87302, 87303, 87304, 87305, 87309) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fl-EE, fil-LT, fil-LV, f'MT, fil-PL, fir-RO, fis-SI u fis-SK: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi tas-sigurtà.<br><br>Fid-DK, fil-HR u fl-HU: Mhux marbut għall-provvista tas-sottosetturi li ġejjin: servizzi ta' gwardji (CPC 87305) fil-HR u fl-HU, servizzi ta' konsulenza dwar is-sigurtà (CPC 87302) fil-HR, servizzi ta' gwardji tal-ajruporti (parti minn CPC 87305) fid-DK u servizzi ta' karozzi blindati (CPC 87304) fl-HU. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br>Fid-DK: Rekwiżit ta' residenza għal persuna fiżika li tapplika għal awtorizzazzjoni biex twettaq servizz tas-sigurtà u għall-maniġers u l-maġġoranza tal-membri tal-bord ta' entità ġuridika li tapplika għal awtorizzazzjoni biex twettaq servizzi tas-sigurtà. Madankollu, ir-residenza ma hijiex meħtieġa sakemm tirriżulta minn ftehimiet jew ordnijiet internazzjonali maħruġa mill-Ministru tal-Ġustizzja. |
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fil-BE, fi ES, fil-FI, fi FR u fil-PT: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi tas-sigurtà. |
| (i) Servizzi ta' investigazzjoni (CPC 87301) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-UE: bl-eċċezzjoni tal-AT u tal-SE: Mhux marbut<br>Fil-LT u fil-PT: Is-servizzi ta' investigazzjoni huma monopolju riżervat għall-Istat. |
| (j) Servizzi ta' tindif tal-bini (CPC 874) | Xejn |
| (k) Servizzi fotografiċi (CPC 875) | Xejn |
| (l) Servizzi ta' ppakkjar (CPC 876) | Xejn |
| (m) Servizzi ta' rapportar tal-kreditu, servizzi ta' aġenzija tal-ġbir (CPC 87901, 87902) | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' ES, tal-LV u tal-SE: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' aġenzija tal-ġbir u servizzi ta' rapportar tal-kreditu. |
| (o) Servizzi tat-tweġib tat-telefon (CPC 87903) | Xejn |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
| --- | --- |
| (p) Servizzi ta' duplikazzjoni (CPC 87904) | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-HU: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' duplikazzjoni. |
| (q) Servizzi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni (CPC 87905) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fil-BG: Huwa meħtieġ kuntratt mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għal traduzzjonijiet uffiċjali pprovduti minn aġenziji tat-traduzzjoni.<br>F'CY: Hija meħtieġa r-reġistrazzjoni fir-reġistru tat-tradutturi sabiex jiġu pprovduti servizzi ta' traduzzjoni u ċertifikazzjoni uffiċjali.<br>Fl-HU: Traduzzjonijiet uffiċjali, ċertifikazzjonijiet uffiċjali ta' traduzzjonijiet, u kopji ċċertifikati ta' dokumenti uffiċjali f'lingwi barranin għandhom jiġu pprovduti biss mill-Uffiċċju Ungeriż għat-Traduzzjoni u l-Attestazzjoni (OFFI).<br>Fil-PL: Persuni fiżiċi biss għandhom ikunu tradutturi ġuramentati. |
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fil-HR: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera tat-traduzzjoni u l-interpretazzjoni ta' dokumenti uffiċjali. |
| (r) Servizzi ta' kompilazzjoni ta' listi postali u servizzi postali (CPC 87906) | Xejn |
| (s) Servizzi ta' disinni speċjalizzati (CPC 87907) | Xejn |
| (t) Servizzi kummerċjali oħrajn mhux ikklassifikati xi mkien ieħor (CPC 87909) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-SE: Il-pjan ekonomiku għal kumpanija tal-bini għandu jkun iċċertifikat minn żewġ persuni. Dawn il-persuni għandhom ikunu approvati pubblikament minn awtoritajiet fiż-ŻEE. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-SE: Il-ħwienet tal-oġġetti b'rahan għandhom ikunu stabbiliti bħala kumpanija b'responsabbiltà limitata jew bħala fergħa. |
| (u) Servizzi ta' tiswija inċidentali għal prodotti tal-metall, makkinarju u tagħmir (CPC 886 minbarra 8868) | Xejn |
| (v) Manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti, tagħmir tat-trasport bil-ferrovija u inġenji tal-ajru u partijiet minnhom (Parti minn CPC 86764, 86769, 8868) | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-DE, tal-EE u tal-HU: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport minn barra t-territorju tagħha.<br>Fl-UE, bl-eċċezzjoni taċ-CZ, l-EE, l-HU, il-LU u s-SK: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti tat-trasport fuq passaġġi fuq l-ilma interni minn barra t-territorju tagħha.<br>Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-EE, tal-HU u tal-LV: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' bastimenti marittimi minn barra t-territorju tagħha.<br>Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-AT, l-EE, l-HU, il-LV u l-PL: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' inġenji tal-ajru u partijiet minnhom minn barra t-territorju tagħha (Parti minn CPC 86764, 86769, 8868).<br>Fl-UE: L-organizzazzjonijiet rikonoxxuti awtorizzati fl-UE biss għandhom iwettqu stħarriġ u ċertifikazzjoni statutorji tal-bastimenti f'isem l-Istati Membri. Jista' jkun meħtieġ stabbiliment. |
| (o) Servizzi Kummerċjali Oħrajn (parti minn CPC 88493, parti minn 893, ISIC 37) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fin-NL: L-imbollar ta' oġġetti tal-metall prezzjuż huwa attwalment mogħti esklussivament lil żewġ monopolji Netherlandiżi pubbliċi (parti minn CPC 893).<br>Fiċ-CZ: Kumpanija awtorizzata tal-imballaġġ tista' tipprovdi biss servizzi relatati mat-teħid lura u l-irkupru ta' imballaġġ u għandha tkun persuna ġuridika stabbilita bħala kumpanija b'ishma konġunti (CPC 88493, ISIC 37). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-8 – Servizzi ta' komunikazzjoni | |
| (a) Servizzi postali u ta' kurrier (parti minn CPC 71235, parti minn CPC 73210, parti minn 751) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>L-UE: l-organizzazzjoni tat-tqegħid tal-kaxxi tal-ittri fuq l-awtostrada pubblika, il-ħruġ ta' bolol postali u l-provvista tas-servizz ta' posta reġistrata użat matul proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi tista' tiġi ristretta f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Jistgħu jiġu stabbiliti sistemi ta' liċenzjar għal dawk is-servizzi li għalihom jeżisti obbligu ġenerali ta' servizz universali. Dawn il-liċenzji jistgħu jkunu suġġetti għal obbligi partikolari ta' servizz universali jew kontribuzzjoni finanzjarja għal fond ta' kumpens. |
| (b) Telekomunikazzjonijiet (CPC 752, 753, 754) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fil-BE: Mhux marbut għas-servizzi ta' trażmissjoni permezz ta' xandir bis-satellita. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-9 – Kostruzzjoni<br>(CPC 511, 512, 513, 514, 515, 516, 517 u 518) | Xejn |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-10 – Servizzi ta' Distribuzzjoni | |
| (a) Servizzi ta' Distribuzzjoni (CPC 3546, 631, 632 ħlief 63211, 63297, 62276, parti minn 621) | Fir-rigward tal-Investiment:<br><br>Fil-PT: Teżisti skema ta' awtorizzazzjoni speċifika għall-installazzjoni ta' ċerti stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut u ċentri tax-xiri. Din tirrigwarda ċentri tax-xiri li għandhom erja grossa li tista' tinkera ta' 8 000 $m^2$ jew akbar, u stabbilimenti tal-bejgħ bl-imnut li għandhom erja ta' bejgħ ta' 2 000 $m^2$ jew aktar, meta jkunu jinsabu barra miċ-ċentri kummerċjali. Kriterji ewlenin: il-kontribut għal għadd kbir ta' offerti kummerċjali, il-valutazzjoni tas-servizzi lill-konsumatur, il-kwalità tal-impjiegi u r-responsabbiltà soċjali korporattiva, l-integrazzjoni fl-ambjent urban u l-kontribut għall-ekoeffiċjenza (CPC 631, 632 ħlief 63211, 63297). |
| (b) Distribuzzjoni ta' farmaċewtiċi (CPC 62117, 62251, 8929) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fil-FI: Mhux marbut għad-distribuzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi (CPC 62117, 62251, 8929). |
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fil-BG: Mhux marbut għad-distribuzzjoni transfruntiera bl-ingrossa ta' farmaċewtiċi (CPC 62251). |
| (b) Distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku (parti minn CPC 62112, 62226, 63107, 8929) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fil-FI: Mhux marbut għad-distribuzzjoni ta' xorb alkoħoliku (parti minn CPC 62112, 62226, 63107, 8929).<br><br>Fl-SE: Systembolaget AB għandha monopolju governattiv fuq il-bejgħ bl-imnut ta' likur, inbid u birra (minbarra l-birra mhux alkoħolika). Ix-xarbiet alkoħoliċi huma xarbiet b'kontenut tal-alkoħol 'il fuq minn 2,25 fil-mija skont il-volum. Għall-birra, il-limitu huwa kontenut tal-alkoħol 'il fuq minn 3,5 fil-mija skont il-volum (parti minn CPC 631). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| (c) Distribuzzjoni tat-tabakk (parti minn CPC 6222, 62228, parti minn 6310, 63108) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-AT: persuni fiżiċi biss jistgħu japplikaw għal awtorizzazzjoni biex joperaw bħala bejjiegħa tat-tabakk (CPC 63108).<br>Fi ES: Persuni fiżiċi biss jistgħu joperaw bħala bejjiegħa tat-tabakk. Kull bejjiegħ tat-tabakk għandu jikseb biss liċenzja waħda (CPC 63108). Hemm monopolju tal-istat fuq il-bejgħ bl-imnut tat-tabakk.<br>Fi FR: Monopolju tal-Istat fuq il-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut tat-tabakk (parti minn CPC 6222, parti minn 6310).<br>Fl-IT: Hija meħtieġa liċenzja għad-distribuzzjoni u l-bejgħ tat-tabakk. Il-liċenzja tingħata permezz ta' proċeduri pubbliċi. L-għoti tal-liċenzji huwa suġġett għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: id-densità tal-popolazzjoni u ġeografika tal-punti tal-bejgħ eżistenti (parti minn CPC 6222, parti minn 6310). |
| (d) Distribuzzjoni u bejgħ bl-imnut ta' fjuwils solidi, likwidi u gassużi u prodotti relatati (CPC 613, 62271, 63297) | Fir-rigward tal-Investiment:<br>F'CY: Mhux marbut għas-servizzi tal-bejgħ bl-imnut ta' fjuwil tal-magni, elettriku u gass mhux ibbottiljat sa fejn l-investitur ikun ikkontrollat minn persuna fiżika jew ġuridika ta' pajjiż mhux tal-UE li jammonta għal aktar minn 5 fil-mija tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali tal-UE. |
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>F'CY: Mhux marbut għall-bejgħ bl-imnut transfruntier ta' żejt fjuwil u gass ibbottiljat għajr permezz tal-bejgħ bil-korrispondenza. |
| (e) Distribuzzjoni oħra (parti minn CPC 621, 62228, 62251, parti minn CPC 62272, 62276, 63108, parti minn CPC 6329) | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fil-BG: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi pprovduti minn sensara tal-komoditajiet, distribuzzjoni bl-ingrossa ta' prodotti kimiċi, metalli u ġebel prezzjużi, sustanzi u prodotti mediċi u oġġetti għall-użu mediku; tabakk u prodotti tat-tabakk u xorb alkoħoliku. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-11 – Servizzi Edukattivi<br>(CPC 92)<br>(Servizzi ffinanzjati mill-privat biss) | |
| | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>L-UE: Fejn hija permessa l-provvista ta' servizzi edukattivi ffinanzjati mill-privat minn fornitur barrani, il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fis-sistema edukattiva tista' tkun suġġetta għal konċessjonijiet allokati fuq bażi nondiskriminatorja.<br>Fl-UE: Mhux marbut għal servizzi edukattivi oħra (CPC 929).<br>Fl-SE: Mhux marbut għal fornituri ta' servizzi edukattivi approvati mill-awtoritajiet pubbliċi biex jipprovdu l-edukazzjoni. Din ir-riżerva tapplika għal fornituri ta' servizzi edukattivi ffinanzjati mill-privat li jirċievu xi forma ta' appoġġ mill-Istat, bħal pereżempju fornituri ta' servizzi edukattivi rikonoxxuti mill-Istat, fornituri ta' servizzi edukattivi li huma taħt is-superviżjoni tal-Istat jew l-edukazzjoni li tintitola għal appoġġ għall-istudju (CPC 92).<br>F'CY, fil-FI, f'MT u fir-RO: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi tal-edukazzjoni primarja, sekondarja u għall-adulti ffinanzjati mill-privat (CPC 921, 922, 924).<br>Fl-AT, fil-BG, f'CY, fil-FI, f'MT u fir-RO: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi tal-edukazzjoni għolja ffinanzjati mill-privat (CPC 923). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fl-AT: Il-provvista ta' servizzi edukattivi ta' livell universitarju ffinanzjati mill-privat fil-qasam tax-xjenzi applikati tirrikjedi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, il-Kunsill għall-Edukazzjoni Għolja (Fachhochschulrat). Investitur li jkun jixtieq jipprovdi programm ta' studju tax-xjenza applikata jrid ikollu l-provvista ta' dawk il-programmi bħala n-negozju primarju tiegħu, u jrid jissottometti valutazzjoni tal-ħtiġijiet u stħarriġ tas-suq biex il-programm ta' studju propost jiġi aċċettat. Il-Ministeru kompetenti għandu jiċħad awtorizzazzjoni jekk jiġi ddeterminat li l-programm huwa inkompatibbli mal-interessi edukattivi nazzjonali. L-applikant għal università privata jirrikjedi awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti (il-Kunsill Awstrijak ta' Akkreditazzjoni). Il-Ministeru kompetenti jista' jiċħad l-approvazzjoni jekk id-deċiżjoni tal-awtorità ta' akkreditazzjoni ma tikkonformax mal-interessi edukattivi nazzjonali (CPC 923).<br><br>F'MT: Il-fornituri ta' servizzi li jixtiequ jipprovdu servizzi ta' edukazzjoni għolja jew għall-adulti ffinanzjati mill-privat iridu jiksbu liċenzja mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjieg. Id-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tinħareġ liċenzja tista' tkun diskrezzjonali (CPC 923, 924). |
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fil-BG: Is-servizzi tal-edukazzjoni primarja u sekondarja ffinanzjati mill-privat jistgħu jiġu pprovduti biss minn intrapriżi Bulgari awtorizzati li għalihom hija meħtieġa l-preżenza kummerċjali.<br><br>Fil-BG, fl-IT, u fis-SI: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi tal-edukazzjoni primarja ffinanzjati mill-privat (CPC 921).<br><br>Fil-BG u fl-IT: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi tal-edukazzjoni sekondarja ffinanzjati mill-privat (CPC 922).<br><br>Fl-AT: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi tal-edukazzjoni għall-adulti ffinanzjati mill-privat permezz tax-xandir bir-radju jew televiżiv (CPC 924). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
| --- | --- |
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br><br>Fi ES u fl-IT: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni sabiex tinfetaħ università ffinanzjata mill-privat li toħroġ diplomi jew lawrji rikonoxxuti. Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: il-popolazzjoni u d-densità ta' stabbilimenti eżistenti. Fi ES: Il-proċedura tinvolvi l-kisba tal-parir tal-Parlament.<br><br>Fis-SK: Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, u l-għadd ta' skejjel li jiġu stabbiliti jista' jkun limitat mill-awtoritajiet lokali, għall-fornituri tas-servizzi tal-edukazzjoni kollha ffinanzjati mill-privat minbarra s-servizzi tal-edukazzjoni teknika u vokazzjonali postsekondarja (CPC 921, 922, 923 minbarra 92310, 924).<br><br>Fil-EL: L-edukazzjoni fil-livell universitarju għandha tiġi pprovduta esklussivament minn istituzzjonijiet li huma persuni ġuridiċi kompletament awtonomi u rregolati mil-liġi pubblika. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-12 – Servizzi Ambjentali (CPC 9401, 9402, 9403, 9406) | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fil-DE: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta’ servizzi tal-immaniġġjar tal-iskart, minbarra servizzi ta’ konsulenza u fir-rigward ta’ servizzi relatati mal-protezzjoni tal-ħamrija u l-immaniġġjar ta’ ħamrija kontaminata, minbarra s-servizzi ta’ konsulenza. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-13 – Servizzi Soċjali u tas-Saħħa<br><br>(Servizzi ffinanzjati mill-privat biss) | |
| Servizzi tas-saħħa – sptar, ambulanza, servizzi tas-saħħa residenzjali (CPC 93, 931, minbarra 9312, parti minn 93191, 9311, 93192, 93193, 93199) | Fir-rigward tal-Investiment u s-Servizzi Transfruntiera:<br><br>Fl-UE: Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-network tas-saħħa ffinanzjat mill-privat tista' tkun suġġetta għal konċessjoni fuq bażi nondiskriminatorja. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.<br><br>Fl-AT, fis-SI, u fil-PL: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi tal-ambulanza ffinanzjati mill-privat (CPC 93192).<br><br>Fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fil-FI, f'MT u fis-SK: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' sptar, ta' ambulanza u tas-saħħa residenzjali ffinanzjati mill-privat minbarra servizzi ta' sptar (CPC 9311, 93192, 93193).<br><br>Fil-BE: Mhux marbut għall-provvista u l-istabbiliment ta' servizzi ta' ambulanza u ta' faċilitajiet tas-saħħa residenzjali ffinanzjati mill-privat minbarra servizzi fl-isptar (CPC 93192, 93193).<br><br>Fil-FI: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi oħra tas-saħħa tal-bniedem (CPC 93199).<br><br>Fil-DE: Mhux marbut għall-provvista tas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali tal-DE, jekk is-servizzi jiġu pprovduti minn kumpaniji jew entitajiet differenti li jinvolvu elementi kompetittivi li għalhekk ma humiex servizzi mwettqa esklussivament fl-eżerċizzju tal-awtorità governattiva. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
| --- | --- |
| | Fil-DE: Is-servizzi ta' salvataġġ u s-servizzi ta' ambulanza kwalifikati huma organizzati u regolati mil-Länder. Il-biċċa l-kbira tal-Länder jiddelegaw il-kompetenzi fil-qasam tas-servizzi ta' salvataġġ lill-muniċipalitajiet. Il-muniċipalitajiet jistgħu jagħtu prijorità lil operaturi mingħajr skop ta' qligħ. Is-servizzi tal-ambulanzi huma suġġetti għall-ippjanar, il-permess u l-akkreditament. It-telemediċina tista' tiġi pprovduta biss fil-kuntest ta' kura primarja li tinvolvi l-preżenza fiżika minn qabel ta' tabib. L-għadd ta' fornituri ta' servizzi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jista' jiġi limitat sabiex jiġu ggarantiti l-interoperabbiltà, il-kompatibbiltà u l-istandards tas-sigurtà meħtieġa.<br><br>Fis-SI: Monopolju tal-Istat huwa riżervat għas-servizzi li ġejjin: Il-provvista tad-demm, il-preparazzjonijiet tad-demm, it-tneħħija u l-preservazzjoni ta' organi umani għat-trapjanti, għas-servizzi soċjomediċi, tal-iġjene, għas-servizzi epidemjoloġiċi u tas-saħħa ekoloġiċi, għas-servizzi patoanatomiċi u għall-prokreazzjoni bijomedikament assistita (CPC 931). |
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br><br>Fil-DE: Mhux marbut għas-sjieda ta' sptarijiet iffinanzjati mill-privat immexxija mill-Forzi Ġermaniżi.<br><br>Fil-DE: Mhux marbut fir-rigward tan-nazzjonalizzazzjoni ta' sptarijiet ewlenin oħrajn iffinanzjati mill-privat. (CPC 93110)<br><br>Fi FR: Filwaqt li tipi oħra ta' forom ġuridiċi huma disponibbli għall-investituri mill-UE, l-investituri minn barra l-UE għandhom aċċess biss għall-forom ġuridiċi ta' SELAS (société d'exercice liberal) u SCP (société civile professionnelle). Provvista permezz ta' SEL (société d'exerce liberal) (anonyme, à responsabilité limitée jew en commandite par actions) jew SCP biss għas-servizzi mediċi, dentali u tal-qwiebel u s-servizzi mill-infermiera. Għas-servizzi ta' sptarijiet u ambulanzi, il-faċilitajiet ta' saħħa residenzjali minbarra servizzi ta' sptarijiet u servizzi soċjali, hija meħtieġa awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju ta' funzjonijiet ta' maniġment. Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni tqis id-disponibbiltà ta' maniġers lokali. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fi FR: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' analiżi u ttestjar fil-laboratorju ffinanzjati mill-privat (Parti minn CPC 9311). |
| Servizzi tas-saħħa u servizzi soċjali, inkluża l-assigurazzjoni tal-pensjoni | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-HU: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi tas-saħħa minn barra t-territorju tagħha, il-provvista transfruntiera ta' servizzi soċjali minn barra t-territorju tagħha, kif ukoll attivitajiet jew servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku ta' rtirar jew minn sistema statutorja ta' sigurtà soċjali. Din ir-riżerva ma tirrigwardax il-provvista tas-servizzi professjonali kollha relatati mas-saħħa, inklużi s-servizzi pprovduti minn professjonisti bħal tobba, dentisti, qwiebel, infermiera, fiżjoterapisti, paramediċi, u psikologi, li huma koperti b'riżervi oħra (CPC 931 minbarra 9312, parti minn 93191).<br><br>Fl-HU: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera minn barra t-territorju tagħha tas-servizzi kollha tal-isptar, tal-ambulanza u tas-saħħa residenzjali minbarra s-servizzi tal-isptar, li jirċievu finanzjament pubbliku (CPC 9311, 93192, 93193). |
| Servizzi soċjali, inkluża l-assigurazzjoni tal-pensjoni | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fl-UE: Mhux marbut għal attivitajiet jew għal servizzi li jiffurmaw parti minn pjan pubbliku ta' rtirar jew minn sistema statutorja tas-sigurtà soċjali. Il-parteċipazzjoni ta' operaturi privati fin-network soċjali ffinanzjat mill-privat tista' tkun suġġetta għal konċessjoni fuq bażi nondiskriminatorja. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, l-infrastruttura tat-trasport, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.<br><br>Fiċ-CZ, fil-FI, fl-HU, f'MT, fil-PL, fir-RO, fis-SK u fis-SI: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi soċjali ffinanzjati mill-privat. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fil-BE, f'CY, fil-DE, fid-DK, fil-EL, fi ES, fi FR, fl-IE, fl-IT u fil-PT: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi soċjali ffinanzjati mill-privat minbarra servizzi relatati mad-djar tal-konvalexxenza u tal-mistrieħ u d-djar tal-anzjani.<br><br>Fil-DE: Mhux marbut għas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali tal-Ġermanja, fejn is-servizzi huma pprovduti minn kumpaniji jew entitajiet differenti li jinvolvu elementi kompetittivi u jistgħu b'hekk ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' servizzi mwettqa esklussivament fl-eżerċizzju ta' awtorità governattiva. |
| | Fir-rigward tal-Investiment biss:<br><br>Fil-HR: L-istabbiliment ta' xi faċilitajiet ta' kura soċjali ffinanzjati mill-privat jista' jkun suġġett għal limiti bbażati fuq il-ħtiġijiet f'żoni ġeografiċi partikolari (CPC 9311, 93192, 93193, 933). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-14 – Servizzi relatati mat-Turiżmu u l-Ivvjaġġar | |
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br>Fil-BG: Hija meħtieġa inkorporazzjoni (ebda fergħa) (CPC 7471, 7472). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-15 – Servizzi ta' Rikreazzjoni, Kultura u Sport | |
| (a) Servizzi ta' libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra (CPC 963) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-UE, minbarra l-AT u, għall-investiment, fil-LT: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' libreriji, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra. Fl-AT u fil-LT: tista' tkun meħtieġa liċenzja jew konċessjoni għall-istabbiliment. |
| (b) Servizzi ta' divertiment, teatru, live bands u servizzi taċ-ċirku (CPC 9619, 964 minbarra 96492) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>F'CY, fiċ-CZ, fil-FI, f'MT, fil-PL, fir-RO, fis-SI u fis-SK: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' divertiment, inklużi servizzi ta' teatru, live bands, taċ-ċirku u tad-diskoteki.<br>Fil-BG: Mhux marbut għall-provvista tas-servizzi ta' divertiment li ġejjin: servizzi taċ-ċirku, tal-parks tad-divertiment u servizzi ta' attrazzjoni simili, servizzi ta' swali taż-żfin, diskoteki u ta' tagħlim taż-żfin u servizzi ta' divertiment oħra.<br>Fl-EE: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi oħra ta' divertiment ħlief għas-servizzi tat-teatri taċ-ċinema.<br>Fil-LT u fil-LV: Mhux marbut għall-provvista tas-servizzi kollha ta' divertiment minbarra s-servizzi tat-tħaddim tat-teatri taċ-ċinema. |
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-AT u tal-SE: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' divertiment, inklużi servizzi tat-teatru, ta' live bands, taċ-ċirku u tad-diskoteki. |
| (c) Servizzi ta' aġenziji tal-aħbarijiet (CPC 962) | Xejn |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| (d) Servizzi tal-logħob tal-azzard u tal-imħatri (CPC 96492) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fl-UE, bl-eċċezzjoni ta' MT: Mhux marbut għall-provvista ta' attivitajiet tal-logħob tal-azzard, li jinvolvu mħatri b'valur pekunarju f'logħob tal-azzard, inklużi b'mod partikolari l-lotteriji, l-iscratch cards, is-servizzi tal-logħob tal-azzard offruti fil-casinos, l-arcades jew il-bini liċenzjat tal-logħob tal-azzard, is-servizzi tal-imħatri, is-servizzi tat-tombla u s-servizzi tal-logħob tal-azzard operati minn organizzazzjonijiet tal-karità jew organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, u għall-benefiċċju tagħhom.<br><br>Din ir-riżerva ma tapplikax għal logħob tal-ħila, magni tal-logħob tal-azzard li ma jagħtux premji jew li jagħtu premji biss fil-forma ta' logħob bla ħlas, u logħob promozzjonali, li l-iskop esklussiv tiegħu huwa li jinkoraġġixxi l-bejgħ ta' oġġetti jew ta' servizzi li ma humiex koperti minn din l-esklużjoni. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-16 – Servizzi tat-trasport u servizzi awżiljarji tat-trasport | |
| (a) Trasport bil-baħar<br>(i) Trasport internazzjonali tal-passiġġieri (CPC 7211 minbarra t-trasport tal-kabotaġġ nazzjonali)<br>(ii) Trasport internazzjonali tal-merkanzija (CPC 7212 minbarra t-trasport tal-kabotaġġ nazzjonali) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-LV u ta' MT: Mhux marbut għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' bastiment u l-operat ta' flotta taħt il-bandiera nazzjonali tal-Istat tal-istabbiliment (l-attività kummerċjali kollha tal-baħar imwettqa minn bastiment tat-tbaħħir, inklużi s-sajd, l-akkwakultura, u s-servizzi inċidentali għas-sajd; trasport internazzjonali ta' passiġġieri u ta' merkanzija (CPC 721); u servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu).<br>F'MT: Jeżistu drittijiet esklussivi għall-konnessjoni marittima ta' MT mal-Ewropa kontinentali permezz tal-IT (CPC 7213, 7214, parti minn 742, 745, parti minn 749).<br>Fil-BG: Servizzi pprovduti lil bastimenti mingħajr ekwipaġġ f'portijiet u mħażen Bulgari fuq ix-xmara Danubju huma pprovduti biss minn intrapriżi Bulgari (l-inkorporazzjoni hija meħtieġa). L-għadd ta' fornituri tas-servizzi fil-portijiet jista' jkun limitat skont il-kapaċità oġġettiva tal-port, li tiġi deċiża minn kummissjoni esperta, stabbilita mill-Ministru tat-Trasport, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni. (ISIC 0501, 0502, CPC 5133, 5223, 721, 722, 74520, 74540, 74590, 882).<br>Rigward is-servizzi ta' appoġġ għat-trasport pubbliku mwettqa fil-portijiet Bulgari, f'portijiet li għandhom importanza nazzjonali, id-dritt ta' twettiq tal-attivitajiet ta' appoġġ jingħata permezz ta' kuntratt ta' konċessjoni. F'portijiet ta' importanza reġjonali, dan id-dritt jingħata permezz ta' kuntratt ma' sid il-port (CPC 74520, 74540 u 74590). |
| (b) Servizzi awżiljarji għat-trasport marittimu u t-trasport fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>L-UE: Mhux marbut għall-provvista ta' servizzi ta' pilotaġġ u ta' rmiġġ.<br>Fl-UE, bl-eċċezzjoni tal-LT u tal-LV: Mhux marbut għas-servizzi ta' mbuttar u rmonkar (CPC 7452).<br>Fil-BE: Is-servizzi tal-maniġġ tal-merkanzija jistgħu jiġu operati biss minn ħaddiema akkreditati, eliġibbli biex jaħdmu f'żoni tal-port indikati b'digriet reġju (CPC 741). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br>Fil-EL: Monopolju pubbliku impost f'żoni tal-port għas-servizzi tal-maniġġ tal-merkanzija (CPC 745).<br>Fil-LT: Persuni ġuridiċi biss tal-LT jew persuni ġuridiċi ta' Stat Membru b'fergħat fil-LT li għandhom ċertifikat maħruġ mill-Amministrazzjoni Litwana għas-Sikurezza Marittima jistgħu jipprovdu servizzi ta' pilotaġġ u ta' rmiġġ, ta' mbuttar u rmonkar (CPC 7452). |
| (c) Trasport bil-ferrovija u servizzi awżiljarji għat-trasport bil-ferrovija | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-UE: Mhux marbut għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija bil-ferrovija (CPC 711).<br>Fil-LT: Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija huma suġġetti għal monopolju tal-Istat (CPC 86764, 86769, parti minn 8868).<br>Fl-SE: Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bil-ferrovija huma suġġetti għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meta investitur ikollu l-ħsieb li jistabbilixxi l-faċilitajiet tal-infrastruttura tat-terminal tiegħu stess. Kriterji ewlenin: limitazzjonijiet ta' spazju u kapaċità (CPC 86764, 86769, parti minn 8868). |
| (d) Trasport bit-triq (trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi internazzjonali ta' trasport bit-trakkijiet) u servizzi awżiljarji għat-trasport bit-triq | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-UE: Mhux marbut għat-trasport bit-triq (trasport tal-passiġġieri, trasport tal-merkanzija, servizzi internazzjonali tat-trasport bit-trakkijiet).<br>Fir-rigward tal-Investiment:<br>Fl-UE: Mhux marbut għall-kabotaġġ fi Stat Membru minn investituri barranin stabbiliti fi Stat Membru ieħor (CPC 712).<br>Fl-UE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jista' japplika għas-servizzi tat-taksi fl-UE biex jiġi stabbilit limitu fuq l-għadd ta' fornituri tas-servizzi. Kriterju ewlieni: id-domanda lokali kif prevista fil-liġijiet applikabbli (CPC 71221). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fl-AT: Għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, drittijiet jew awtorizzazzjonijiet esklussivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini tal-Istati Membri u lil persuni ġuridiċi tal-UE li għandhom is-sede ċentrali taghhom fl-UE (CPC 712).<br><br>Fil-BE: Għadd massimu ta' liċenzji jista' jiġi stabbilit bil-liġi (CPC 71221).<br><br>Fil-BG: Għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, drittijiet jew awtorizzazzjonijiet esklussivi jistgħu jingħataw biss lil ċittadini ta' Stat Membru u lil persuni ġuridiċi tal-UE li għandhom is-sede ċentrali taghhom fl-UE. Hija meħtieġa inkorporazzjoni (CPC 712).<br><br>Fi ES: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplika għat-trasport tal-passiġġieri, għas-servizzi pprovduti skont CPC 7122. Kriterju ewlieni: id-domanda lokali. Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi japplika għas-servizzi ta' karozzi tal-linja bejn il-bliet. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.<br><br>Fi FR: Investituri mhux tal-UE ma humiex permessi jipprovdu servizzi ta' karozzi tal-linja bejn il-bliet (CPC 712).<br><br>Fl-IE: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda (CPC 7121, 7122).<br><br>Fl-IT: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi jiġi applikat għas-servizzi tal-limousine. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.<br><br>Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għas-servizzi ta' karozzi tal-linja bejn belt u oħra. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda.<br><br>Jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-provvista ta' servizzi ta' trasport tal-merkanzija. Kriterji ewlenin: id-domanda lokali (CPC 712). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fil-LV: Għas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, hija meħtieġa awtorizzazzjoni, li ma hijiex estiża għal vetturi rreġistrati barra. L-entitajiet stabbiliti huma meħtieġa jużaw vetturi rreġistrati fil-pajjiż (CPC 712).<br><br>F'MT: Għas-servizz pubbliku tal-karozzi tal-linja: In-network kollu huwa suġġett għal konċessjoni li tinkludi ftehim dwar Obbligu ta' Servizz Pubbliku biex jinqdew ċerti setturi soċjali (bħall-istudenti u l-anzjani) (CPC 712).<br><br>F'MT: Għat-taksis, japplikaw restrizzjonijiet numeriċi fuq l-għadd ta' liċenzji.<br><br>Għall-Karozzini: japplikaw restrizzjonijiet numeriċi fuq in-numru ta' liċenzji (CPC 712).<br><br>Fil-PT: Għat-trasport tal-passiġġieri, jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi għall-provvista ta' servizzi ta' limousine. Kriterji ewlenin: l-għadd ta' stabbilimenti eżistenti u l-impatt fuqhom, id-densità tal-popolazzjoni, il-firxa ġeografika, l-impatt fuq il-kundizzjonijiet tat-traffiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda (CPC 712).<br><br>Fis-SK: Għat-trasport tal-merkanzija, jiġi applikat test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. Kriterju ewlieni: id-domanda lokali (CPC 712).<br><br>Fl-SE: Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir tat-trasport bit-triq huma suġġetti għal test tal-ħtiġijiet ekonomiċi meta investitur ikollu l-ħsieb li jistabbilixxi l-faċilitajiet tal-infrastruttura tat-terminal tiegħu stess. Kriterji ewlenin: limitazzjonijiet ta' spazju u kapacità (CPC 86764, 86769, parti minn 8867).<br><br>Fl-SE: Biex tiġi eżerċitata l-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq, hija meħtieġa liċenzja Żvediża. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Il-liċenzji jingħataw b'termini nondiskriminatorji, ħlief li l-operaturi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tas-servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq jistgħu bħala regola ġenerali jużaw biss vetturi li huma rreġistrati fir-reġistru nazzjonali tat-traffiku tat-triq. Jekk vettura tkun irreġistrata barra mill-pajjiż, u tkun proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika li r-residenza prinċipali tagħha tkun barra mill-pajjiż u tinġieb fl-SE għal użu temporanju, il-vettura tista' tintuża temporanjament fl-SE.<br><br>L-operaturi tas-servizzi transfruntiera tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq barra mill-pajjiż jeħtieġ li jkunu liċenzjati għal dawk l-operazzjonijiet mill-awtorità kompetenti fil-pajjiż fejn ikunu stabbiliti. Jistgħu jiġu rregolati rekwiżiti addizzjonali għall-kummerċ transfruntier fi ftehimiet bilaterali dwar it-trasport bit-triq. Għal vetturi fejn ma japplika l-ebda ftehim bilaterali, hija meħtieġa wkoll liċenzja mill-Aġenzija Żvediża tat-Trasport (CPC 712). |
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fil-BG: Mhux marbut għall-provvista transfruntiera ta' servizzi ta' appoġġ għat-trasport bit-triq (CPC 744). |
| (e) Servizzi awżiljarji għas-servizzi tat-trasport bl-ajru (CPC 7461, 7469, 83104) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fl-UE: Għas-servizzi ta' groundhandling, jista' jkun meħtieġ stabbiliment fit-territorju tal-UE. Il-livell ta' aċċess miftuħ għas-servizzi ta' groundhandling jiddependi mid-daqs tal-ajruport. L-għadd ta' fornituri f'kull ajruport jista' jkun limitat. Għall-ajruporti l-kbar, dan il-limitu ma jistax ikun inqas minn żewġ fornituri.<br><br>Fir-rigward tal-Investiment:<br><br>Fil-PL: Għas-servizzi tal-ħżin ta' oġġetti ffriżati jew imkessħa u servizzi ta' ħżin bl-ingrossa ta' likwidi jew gassijiet fl-ajruporti, il-possibbiltà li jiġu pprovduti ċerti kategoriji ta' servizzi tiddependi mid-daqs tal-ajruport. L-għadd ta' fornituri f'kull ajruport jista' jkun limitat minħabba restrizzjonijiet ta' spazju, u għal mhux inqas minn żewġ fornituri għal raġunijiet oħra (Parti minn CPC 742). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| (f) Trasport fl-ispazju u kiri ta' inġenji tal-ispazju | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>L-UE: Mhux marbut għas-servizzi tat-trasport permezz tal-ispazju u l-kiri ta' inġenji tal-ispazju (CPC 733, parti minn 734). |
| (g) Provvista ta' Servizzi ta' Trasport Ikkombinat | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fl-UE: Bl-eċċezzjoni tal-FI: huma biss it-trasportaturi fuq distanzi twal stabbiliti fi Stat Membru li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-professjoni u l-aċċess għas-suq għat-trasport ta' merkanzija bejn l-Istati Membri li jistgħu, fil-kuntest ta' operazzjoni ta' trasport ikkombinat bejn l-Istati Membri, jwettqu partijiet inizjali jew finali tat-trasport fuq distanzi twal bit-triq li jiffurmaw parti integrali mill-operazzjoni ta' trasport ikkombinat u li jistgħu jinkludu l-qsim ta' fruntiera jew le. Japplikaw il-limitazzjonijiet li jaffettwaw kwalunkwe mod partikolari ta' trasport.<br><br>Jistgħu jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li t-taxxi fuq il-vetturi bil-mutur applikabbli għall-vetturi tat-triq użati għat-trasport ikkombinat jitnaqqsu jew jiġu rimborżati (CPC 711, 712, 7212, 7222, 741, 742, 743, 744, 745, 748, 749). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-17 – Agrikoltura, sajd, ilma, manifattura | |
| (a) L-agrikoltura, il-kaċċa, il-forestrija u s-servizzi inċidentali għall-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija (ISIC 01, 02, CPC 881) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fil-HR: Mhux marbut għall-attivitajiet agrikoli u ta' kaċċa.<br>Fl-HU: Mhux marbut għall-attivitajiet agrikoli (ISIC 011, 012, 013, 014, 015, CPC 8811, 8812, 8813 minbarra s-servizzi ta' konsulenza u konsultazzjoni).<br>Fil-PT: Il-professjoni ta' agronomu hija riżervata għal persuni fiżiċi (CPC 881). |
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br>Fil-FI: Jistgħu jingħataw drittijiet esklussivi għall-pussess tar-renni u għall-prattika tat-trobbija tar-renni (ISIC 014).<br>Fi FR: L-istabbiliment ta' azjendi agrikoli u kooperattivi agrikoli minn investituri mhux tal-UE huwa suġġett għal awtorizzazzjoni. Hija meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel sabiex wieħed isir membru jew jaġixxi bħala direttur ta' kooperattiva agrikola (ISIC 011, 012, 013, 014, 015).<br>Fl-SE: Sami biss jistgħu jkunu sidien ta' renni u jipprattikaw it-trobbija tar-renni (ISIC 014). |
| (b) Sajd, akkwakultura, servizzi inċidentali għas-sajd (ISIC 05, CPC 882) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br>Fl-UE: B'mod partikolari fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd, u tal-ftehimiet tas-sajd ma' pajjiż terz, l-aċċess għar-riżorsi bijoloġiċi u ż-żoni tas-sajd li jinsabu f'ilmijiet marittimi li jaqgħu taħt is-sovranità jew fil-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri u l-użu tagħhom, inklużi:<br>(a) ir-regolamentazzjoni tal-ħatt l-art tal-qabdiet imwettqa fis-subkwoti allokati lill-bastimenti tal-Messiku jew ta' pajjiż terz fil-portijiet tal-UE;<br>(b) id-determinazzjoni ta' daqs minimu għal intrapriża sabiex jiġu ppreservati bastimenti tas-sajd kemm artiġjanali kif ukoll kostali; jew<br>(c) l-għoti ta' trattament differenti lill-Messiku jew lil pajjiż terz skont ftehimiet bilaterali eżistenti jew futuri dwar is-sajd. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| (c) Il-ġbir, il-purifikazzjoni u d-disribuzzjoni tal-ilma (ISIC 41) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fl-UE: Mhux marbut għall-attivitajiet li jinkludu servizzi relatati mal-ġbir, il-purifikazzjoni u d-distribuzzjoni tal-ilma lil utenti domestiċi, industrijali, kummerċjali jew utenti oħra, inkluż il-provvista ta' ilma tax-xorb, u l-ġestjoni tal-ilma. |
| (d) Manifattura ta' prodotti tal-ikel u x-xorb (ISIC 15) | Fir-rigward tal-Investiment:<br><br>Fl-IE: L-istabbiliment minn residenti barranin f'attivitajiet ta' tħin tad-dqiq huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni (ISIC 1531). |
| (e) Manifattura (ISIC 16, 17, 18, 19, 20, 21) | Xejn |
| (f) Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta' media rrekordjata (ISIC 22, CPC 88442) | Fir-rigward tal-Investiment:<br><br>Fil-LV: Persuni ġuridiċi inkorporati fil-LV, u l-persuni fiżiċi tal-LV biss għandhom id-dritt li jistabbilixxu u jippubblikaw media tal-massa. Il-fergħat ma humiex permessi. |
| | Fir-rigward tal-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fil-DE: Kull gazzetta, ġurnal jew perjodiku ddistribwit jew stampat pubblikament irid jindika b'mod ċar editur responsabbli (l-isem u l-indirizz sħiħ ta' persuna fiżika). L-editur responsabbli jista' jkun meħtieġ ikun residenti permanenti fil-DE, fl-UE jew f'pajjiż taż-ŻEE. Jistgħu jiġu permessi xi eċċezzjonijiet mill-Ministru Federali tal-Intern (ISIC 22).<br><br>Fl-SE: Persuni fiżiċi li huma sidien ta' perjodiċi li jiġu stampati u ppubblikati fl-SE huma meħtieġa jirrisjedu fl-SE jew ikunu ċittadini ta' Stat Membru taż-ŻEE. Is-sidien ta' dawn il-perjodiċi li jkunu persuni ġuridiċi jridu jkunu stabbiliti fiż-ŻEE. Il-perjodiċi li jiġu stampati u ppubblikati fl-Iżvezja, u r-reġistrazzjonijiet tekniċi huma meħtieġa li jkollhom editur responsabbli, li jrid ikun domiċiljat fl-SE. |
| (g) Manifattura (ISIC 23, 24, 25, 26, 27, 28, 29, 30, 31, 32, 33, 34, 35, 36, 37 | Xejn |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| III-UE-18 – Attivitajiet relatati mal-enerġija | |
| (a) Minjieri u barrieri (ISIC 10, 11, 12, 13, 14, CPC 5115, 7131, 8675, 883) | Fir-rigward tal-Investiment u l-Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi:<br><br>Fl-IT: Il-minjieri li jappartjenu lill-Istat għandhom regoli speċifiċi ta' esplorazzjoni u estrazzjoni. Qabel kwalunkwe attività ta' sfruttament, huwa meħtieġ permess għall-esplorazzjoni (permesso di ricerca, Artikolu 4 tar-Regio Decreto 29 luglio 1927, n. 1443/1927, "Norme di carattere legislativo per disciplinare la ricerca e la coltivazione delle miniere nel Regno") (Digriet Reġju Nru 1443/1927). Dan il-permess idum sa ċertu żmien, jiddefinixxi eżattament il-fruntieri tal-art li tkun qed tiġi esplorata u jistgħu jingħataw aktar minn permess ta' esplorazzjoni wieħed għall-istess żona lil persuni jew kumpaniji differenti (dan it-tip ta' liċenzja ma huwiex neċessarjament esklussiv). Sabiex jiġu kkultivati u sfruttati l-minerali, hija meħtieġa awtorizzazzjoni (concessione, l-Artikolu 14 tad-Digriet Reġju Nru 1443/1927 u l-Artikolu 34 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 112/1998) mill-awtorità reġjonali (ISIC 10, 11, 12, 13, 14, CPC 8675, 883).<br><br>Fil-FI: L-esplorazzjoni u l-isfruttar ta' riżorsi minerali huma suġġetti għar-rekwiżit ta' liċenzja, li tingħata mill-Gvern fir-rigward tal-estrazzjoni ta' materjal nukleari. Hemm bżonn ta' permess ta' tifdija mill-gvern għal żona ta' estrazzjoni. Il-permess jista' jingħata lil persuna fiżika residenti fiż-ŻEE jew persuna ġuridika stabbilita fiż-ŻEE. Jista' japplika test tal-ħtiġijiet ekonomiċi (ISIC 12, CPC 5115, 883, 8675).<br><br>Fl-IE: Il-kumpaniji tal-esplorazzjoni u tal-minjieri li joperaw fl-IE huma meħtieġa li jkollhom preżenza hemmhekk. Fil-każ tal-esplorazzjoni tal-minerali, hemm rekwiżit li l-kumpaniji (Irlandiżi u barranin) jimpjegaw is-servizzi ta' aġent jew ta' maniġer tal-esplorazzjoni residenti fl-IE waqt li jkun qed isir ix-xogħol. Fil-każ tal-estrazzjoni, huwa rekwiżit li lokazzjoni jew liċenzja ta' estrazzjoni tal-Istat tkun miżmuma minn kumpanija inkorporata fl-IE. Ma hemmx restrizzjonijiet fir-rigward tas-sjieda ta' tali kumpanija (ISIC 10, 13, 14, CPC 883). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Fir-rigward tal-Investiment:<br><br>Fil-BE: l-esplorazzjoni għar-riżorsi minerali u riżorsi oħra mhux ħajjin fl-ilmijiet territorjali u l-blata kontinentali u l-isfruttament tagħhom huma suġġetti għal konċessjoni. Il-konċessjonarju huwa meħtieġ li jkollu indirizz għal servizz fil-BE (ISIC 14).<br><br>Intrapriżi barranin ikkontrollati minn persuni fiżiċi jew intrapriżi ta' pajjiż terz li jammonta għal aktar minn 5 % tal-importazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass naturali jew tal-elettriku tal-UE jistgħu jiġu pprojbiti milli jiksbu kontroll tal-attività. Hija meħtieġa inkorporazzjoni (ebda fergħa) (ISIC 10, 1110, 13, 14).<br><br>Fil-BG: Uħud mill-attivitajiet ekonomiċi relatati mal-isfruttament jew l-użu ta' proprjetà tal-Istat jew pubblika huma suġġetti għal konċessjonijiet mogħtija skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Konċessjonijiet jew liġijiet oħra dwar konċessjonijiet speċjali. L-attivitajiet ta' prospettar jew esplorazzjoni ta' riżorsi naturali taħt l-art fit-territorju tal-BG, fil-blata kontinentali u fiż-żona ekonomika esklussiva fil-Baħar l-Iswed huma suġġetti għal permess, filwaqt li l-attivitajiet ta' estrazzjoni u sfruttament huma suġġetti għal konċessjoni mogħtija skont l-Att dwar ir-Riżorsi Naturali ta' taħt l-Art.<br><br>Huwa pprojbit għall-kumpaniji rreġistrati f'ġuriżdizzjonijiet ta' trattament preferenzjali tat-taxxa (jiġifieri, żoni offshore) jew relatati, li jipparteċipaw, direttament jew indirettament, fi proċeduri miftuħa għall-għoti ta' permessi jew konċessjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni jew l-estrazzjoni ta' riżorsi naturali, inklużi minerali tal-uranju u tat-torju, kif ukoll li joperaw permess jew konċessjoni eżistenti li tkun ingħatat, peress li dawk l-operazzjonijiet huma preklużi, inkluża l-possibbiltà li tiġi rreġistrata l-iskoperta ġeoloġika jew kummerċjali ta' depożitu bħala riżultat tal-esplorazzjoni. |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | Il-korporazzjonijiet kummerċjali li fihom l-Istat Membru jew muniċipalità jkollhom sehem fil-kapital li jaqbeż il-50 %, ma jistgħu jwettqu ebda tranżazzjoni għad-disponiment ta' assi fissi tal-korporazzjoni, sabiex jikkonkludu kwalunkwe kuntratt għall-akkwiżizzjoni ta' parteċipazzjoni, lokazzjoni, attività konġunta, kreditu, garanzija ta' riċevibbli, kif ukoll it-twettiq ta' kwalunkwe obbligu abbażi ta' kambjali, sakemm dan ma jkunx permess mill-Aġenzija tal-Privatizzazzjoni jew il-kunsill muniċipali, skont liema minnhom tkun l-awtorità kompetenti. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 8.4 tad-Deċiżjoni tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija tat-18 ta' Jannar 2012, kwalunkwe użu ta' teknoloġija ta' fratturazzjoni idrawlika għal attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni jew estrazzjoni ta' żejt u gass, hija pprojbita b'Deċiżjoni tal-Parlament. L-esplorazzjoni u l-estrazzjoni ta' gass tax-shale hija pprojbita (ISIC 10, 11, 12, 13, 14).<br><br>L-estrazzjoni tal-uranju hija pprojbita b'Digriet tal-Kunsill tal-Ministri Nru 163 tal-20 ta' Awwissu 1992.<br><br>Fir-rigward tal-estrazzjoni tat-torju, japplika r-reġim ġenerali tal-konċessjonijiet għall-estrazzjoni minerarja. Sabiex tipparteċipa f'konċessjonijiet għall-estrazzjoni tat-torju, kumpanija Messikana trid tkun stabbilita skont l-Att dwar il-Kummerċ u tkun irreġistrata fir-Reġistru Kummerċjali. Id-deċiżjonijiet li jippermettu l-estrazzjoni tat-torju jittieħdu fuq bażi individwali ta' każ każ u b'mod nondiskriminatorju. Il-projbizzjoni kontra kumpaniji rreġistrati f'ġuriżdizzjonijiet ta' trattament preferenzjali tat-taxxa (jiġifieri, żoni offshore) jew relatati, li jipparteċipaw, direttament jew indirettament, fi proċeduri miftuħa għal konċessjonijiet għall-estrazzjoni ta' riżorsi naturali tinkludi l-uranju u l-minerali tat-torju (ISIC 12). |

| Settur jew Sottosettur | Limitazzjonijiet fuq l-Aċċess għas-Suq |
|---|---|
| | F'CY: Il-Kunsill tal-Ministri jista', għal raġunijiet ta' sigurtà tal-enerġija, jirrifjuta li jippermetti aċċess għal attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u sfruttament tal-idrokarburi u l-eżerċitar tagħhom, lil kwalunkwe entità li hija effettivament ikkontrollata mill-Messiku jew minn ċittadini tal-Messiku. L-ebda entità ma tista', wara l-għoti ta' awtorizzazzjoni għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi, taqa' taħt il-kontroll dirett jew indirett tal-Messiku jew ta' ċittadin tal-Messiku mingħajr l-approvazzjoni minn qabel tal-Kunsill tal-Ministri. Il-Kunsill tal-Ministri jista' jirrifjuta li jagħti awtorizzazzjoni għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi lil entità li hija effettivament ikkontrollata mill-Messiku jew minn pajjiż terz jew minn ċittadin tal-Messiku jew ta' pajjiż terz, meta l-Messiku jew il-pajjiż terz ma jagħtix lil entitajiet ta' CY jew lil entitajiet ta' Stati Membri, b'rabta mal-aċċess għall-attivitajiet ta' prospettar, esplorazzjoni u sfruttament tal-idrokarburi u l-eżerċizzju tagħhom, trattament simili għal dak li CY jew l-Istat Membru jagħti lil entitajiet tal-Messiku jew ta' dak il-pajjiż terz (ISIC 1110).<br><br>Fis-SK: Għall-estrazzjoni u għall-attivitajiet relatati mal-estrazzjoni u l-attività ġeoloġika, hija meħtieġa l-inkorporazzjoni fi Stat Membru tal-UE jew taż-ŻEE (ebda fergħa) (ISIC 10, 11, 12, 13, 14, CPC 5115, 7131, 883 u 8675). |
[1] Għall-finijiet tar-riżervi fil-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u l-komunitajiet billi kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti.

DK id-Danimarka

EE l-Estonja

ŻEE iż-Żona Ekonomika Ewropea

EL il-Greċja

ES Spanja

UE l-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha

FI il-Finlandja[2]

FR Franza

HR il-Kroazja

HU l-Ungerija

IE l-Irlanda

IP Professjonisti Indipendenti

---

2 Għall-finijiet tar-riżervi fil-Finlandja, livell reġjonali tal-gvern ifisser il-Gżejjer Åland.

| | |
|---|---|
| IT | l-Italja |
| LT | il-Litwanja |
| LU | il-Lussemburgu |
| LV | il-Latvja |
| MT | Malta |
| NL | in-Netherlands |
| PL | il-Polonja |
| PT | il-Portugall |
| RO | ir-Rumanija |
| SE | l-Iżvezja |

SI	is-Slovenja

SK	is-Slovakkja

11. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni Ewropea, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li t-trattament mogħti fi Stat Membru lil persuni fiżiċi u ġuridiċi ta' Stat Membru ieħor skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "TFUE"), jew skont kwalunkwe miżura adottata skont dak it-Trattat, inkluż l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri, jiġi estiż għal persuni fiżiċi jew għall-intrapriżi tal-Messiku. Skont it-TFUE, dak it-trattament jingħata biss lil intrapriżi kkostitwiti jew organizzati f'konformità mad-dritt ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni Ewropea, inklużi dawk l-intrapriżi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea li jkunu proprjetà ta' persuni fiżiċi jew intrapriżi tal-Messiku jew li jkunu kontrollati minn dawn tal-aħħar.

**Appendiċi V-A**

FORNITURI TA' SERVIZZI KUNTRATTWALI U PROFESSJONISTI INDIPENDENTI

LISTA TAL-UE

Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali (CSS)

1. Suġġett għall-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2 u l-lista ta' riżervi fil-paragrafu 9, l-UE tieħu impenji f'konformità mal-Artikolu 12.6 (Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali) fir-rigward ta' din il-kategorija fis-setturi u s-sottosetturi li ġejjin:

(a) servizzi legali[3];

(b) servizzi ta' kontabilità u ta' żamma tal-kotba;

(c) servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa;

(d) servizzi arkitettoniċi u ppjanar urban u servizzi arkitettoniċi tal-pajsaġġ;

(e) servizzi ta' inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrata;

---

[3] Riżerva għal servizzi legali elenkati fl-Annessi I jew II minn Stat Membru għal-liġi domestika bħala li tkopri d-dritt tal-UE u tal-Istati Membri tapplika wkoll għal dan l-Anness.

(f) servizzi tal-kompjuters u servizzi relatati;

(g) servizzi ta' riċerka u żvilupp;

(h) servizzi ta' reklamar;

(i) servizzi ta' konsulenza dwar il-ġestjoni;

(j) servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-ġestjoni;

(k) servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi;

(l) servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika;

(m) manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir fil-kuntest ta' kuntratt ta' servizzi ta' wara l-bejgħ jew ta' wara l-lokazzjoni;

(n) servizzi ta' traduzzjoni;

(o) servizzi ta' kostruzzjoni;

(p) xogħol ta' investigazzjoni ta' siti;

(q) servizzi ta' edukazzjoni għolja;

(r) servizzi ambjentali; u

(s) servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u ta' operaturi turistiċi.

2. Is-CSS għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-persuni fiżiċi jridu jkunu impenjati fil-provvista ta' servizz fuq bażi temporanja bħala impjegati ta' intrapriża li tkun kisbet kuntratt ta' servizz li ma jaqbiżx it-12-il xahar;

(b) il-persuni fiżiċi li jidħlu fl-UE jridu jkunu ilhom joffru dawk is-servizzi bħala impjegati tal-intrapriża li tipprovdi s-servizzi matul mill-inqas is-sena immedjatament qabel id-data tas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għad-dħul fl-UE; barra minn hekk, fid-data li fiha jressqu applikazzjoni għad-dħul fl-UE, il-persuni fiżiċi jrid ikollhom mill-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali[4] fis-settur tal-attività li tkun is-suġġett tal-kuntratt;

(c) il-persuni fiżiċi li jidħlu fl-UE jrid ikollhom:

(i) lawrja universitarja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti[5]; u

---

[4] Miksuba wara li jkunu għalqu l-età maġġuri.

[5] Jekk il-lawrja jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fl-Istat Membru fejn ikun qed jiġi pprovdut is-servizz, dak l-Istat Membru jista' jevalwa jekk din tkunx ekwivalenti għal lawrja universitarja meħtieġa fit-territorju tiegħu.

(ii) kwalifiki professjonali biex jeżerċitaw attività jekk dan ikun meħtieġ mid-dritt tal-Istat Membru fejn jiġi pprovdut is-servizz;

(d) il-persuni fiżiċi ma għandhomx jirċievu paga għall-provvista ta' servizzi fit-territorju tal-UE għajr il-paga mħallsa mill-intrapriża li timpjega lill-persuna fiżika; u

(e) in-numru ta' persuni koperti mill-kuntratt ta' servizz ma għandux ikun akbar milli meħtieġ sabiex jiġi ssodisfat il-kuntratt, billa jista' jkun meħtieġ mil-liġi tal-Istat Membru fejn jiġi pprovdut is-servizz.

3. L-aċċess mogħti skont l-Artikolu 12.6 (Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali) huwa relatat biss mal-attività tas-servizz li tkun is-suġġett tal-kuntratt u ma jagħtix id-dritt li jiġi eżerċitat it-titlu professjonali tal-Istat Membru fejn jiġi pprovdut is-servizz.

4. It-tul ta' soġġorn permissibbli tal-fornituri ta' servizzi kuntrattwali huwa għal perjodu kumulattiv ta' mhux aktar minn 12-il xahar, b'estensjonijiet possibbli fid-diskrezzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, fi kwalunkwe perjodu ta' 24 xahar jew għat-tul tal-kuntratt, skont liema jkun l-iqsar.

Professjonisti indipendenti (IP)

5. Suġġett għall-kundizzjonijiet fil-paragrafu 6 u l-lista ta' riżervi fil-paragrafu 9, l-UE tieħu impenji f'konformità mal-Artikolu 12.7 (Professjonisti Indipendenti) fir-rigward ta' din il-kategorija fis-setturi u s-sottosetturi li ġejjin:

(a) servizzi legali[6];

(b) servizzi arkitettoniċi u ppjanar urban u servizzi arkitettoniċi tal-pajsaġġ;

(c) servizzi ta' inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrata;

(d) servizzi tal-kompjuters u servizzi relatati;

(e) servizzi ta' konsulenza dwar il-ġestjoni;

(h) servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-ġestjoni; u

(i) servizzi ta' traduzzjoni.

---

[6] Riżerva għas-servizzi legali deskritti fl-Annessi I jew II minn Stat Membru għad-dritt domestiku bħala li jkopri d-dritt tal-UE u tal-Istati Membri tapplika wkoll għal dan l-Anness.

6. L-IP għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) persuni fiżiċi jridu jkunu impjegati fil-provvista ta' servizz fuq bażi temporanja bħala persuni li huma ħaddiema għal rashom stabbiliti fil-Messiku u għandhom ikunu kisbu kuntratt ta' servizz għal perjodu li ma jaqbiżx it-12-il xahar;

(b) il-persuni fiżiċi li jidħlu fl-UE jrid ikollhom, fid-data li fiha jressqu applikazzjoni għad-dħul fl-UE, mill-inqas sitt snin ta' esperjenza professjonali fis-settur tal-attività li tkun is-suġġett tal-kuntratt;

(c) il-persuni fiżiċi li jidħlu fl-UE jrid ikollhom:

(i) lawrja universitarja jew kwalifika li turi għarfien ta' livell ekwivalenti[7]; u

(ii) kwalifiki professjonali biex jeżerċitaw attività jekk dan ikun rekwiżit tal-Istat Membru fejn jiġi pprovdut is-servizz.

7. L-aċċess mogħti skont l-Artikolu 12.7 (Professjonisti Indipendenti) huwa relatat biss mal-attività tas-servizz li tkun is-suġġett tal-kuntratt u ma jagħtix id-dritt li jiġi eżerċitat it-titlu professjonali tal-Istat Membru fejn jiġi pprovdut is-servizz.

[7] Jekk il-lawrja jew il-kwalifika ma tkunx inkisbet fl-Istat Membru fejn ikun qed jiġi pprovdut is-servizz, dak l-Istat Membru jista' jevalwa jekk din il-lawrja tkunx ekwivalenti għal lawrja universitarja meħtieġa fit-territorju tiegħu.

8. It-tul ta' soġġorn permissibbli tal-professjonisti indipendenti huwa għal perjodu kumulattiv ta' mhux aktar minn 12-il xahar, b'estensjonijiet possibbli fid-diskrezzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, fi kwalunkwe perjodu ta' 24 xahar jew għat-tul tal-kuntratt, skont liema jkun l-iqsar.

9. Lista ta' riżervi

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| V-UE-1<br><br>UE – Is-setturi kollha | Tul tas-soġġorn<br><br>Fl-AT: Is-soġġorn massimu għas-CSS u għall-IP għandu jkun għal perjodu kumulattiv ta' mhux aktar minn sitt xhur fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar jew sakemm idum il-kuntratt, skont liema minnhom ikun l-iqsar.<br><br>F'CY: Is-soġġorn massimu għas-CSS u għall-IP għandu jkun għal perjodu ta' sitt xhur li jista' jiġġedded darba għal perjodu addizzjonali ta' sitt xhur, jew għad-durata tal-kuntratt, skont liema minnhom ikun l-iqsar.<br><br>FiL-BE, fiċ-CZ, fil-LT, f'MT u fil-PT: Is-soġġorn massimu għas-CSS u għall-IP għandu jkun għal perjodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar konsekuttivi jew għad-durata tal-kuntratt, skont liema minnhom ikun l-iqsar. |
| V-UE-2<br><br>Servizzi ta' konsulenza legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u l-liġi barranija<br><br>(parti minn CPC 861) | CSS:<br><br>Fil-BG, fiċ-CZ, fid-DK, fil-FI, fl-HU, fil-LT, fil-LV, f'MT, fir-RO, fis-SI, fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br><br>IP:<br><br>Fil-BE, fil-BG, fiċ-CZ, fid-DK, fil-EL, fi ES, fil-FI, fl-HU, fl-IT, fil-LT, f'MT, fir-RO, fis-SI, fis-SK: Testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi. |

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| V-UE-3<br><br>Servizzi ta' kontabilità u żamma tal-kotba<br><br>(CPC 86212 minbarra servizzi ta' awditjar, 86213, 86219 u 86220) | CSS:<br><br>Fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fid-DK, fil-EL, fil-FI, fi FR, fl-HU, fil-LT, fil-LV, f'MT, fir-RO, fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. |
| V-UE-4<br><br>Servizzi tat-tassazzjoni<br><br>(CPC 863)[8] | CSS:<br><br>Fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fid-DK, fil-EL, fil-FI, fl-HU, fil-LT, fil-LV, f'MT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br><br>Fil-PT: Mhux marbut. |
| V-UE-5<br><br>Servizzi arkitettoniċi u ppjanar urban u servizzi ta' arkitettura tal-pajsaġġ<br><br>(CPC 8671 u 8674) | CSS:<br><br>Fl-AT (servizzi ta' ppjanar biss): Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br><br>Fil-BG, fiċ-CZ, fil-DE, fl-HU, fil-LT, fil-LV, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br><br>Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-soġġorni ta' CSS sa tliet xhur.<br><br>Fil-FI: Il-persuni fiżiċi jridu juru li għandhom għarfien speċjali relevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut.<br><br>IP:<br><br>Fl-AT (Servizzi ta' ppjanar biss): Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br><br>Fil-BE, fil-BG, fiċ-CZ, fid-DK, fi ES, fl-HU, fl-IT, fil-LT, fir-RO, fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br><br>Fil-FI: Il-persuna fiżika trid turi li jkollha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut. |

8 Ma jinkludux servizzi ta' konsulenza legali u ta' rappreżentanza legali dwar kwistjonijiet ta' taxxa, li jaqgħu taħt is-servizzi ta' konsulenza legali fir-rigward tad-dritt internazzjonali pubbliku u d-dritt tal-pajjiż ta' oriġini.

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| V-UE-6<br><br>Servizzi ta' inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrata<br><br>(CPC 8672 u 8673) | CSS:<br><br>Fl-AT (Servizzi ta' ppjanar biss): Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br><br>Fil-BG, fiċ-CZ, fil-DE, fil-LT, fil-LV, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br><br>Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-soġġorni ta' CSS sa tliet xhur.<br><br>Fil-FI: Il-persuna fiżika trid turi li jkollha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut.<br><br>Fl-HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br><br>IP:<br><br>Fl-AT (Servizzi ta' ppjanar biss): Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br><br>Fil-BE, fil-BG, fiċ-CZ, fid-DK, fi ES, fl-IT, fil-LT, fir-RO, fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br><br>Fil-FI: Il-persuna fiżika trid turi li jkollha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut.<br><br>Fl-HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. |
| V-UE-7<br><br>Servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati<br><br>(CPC 84) | CSS:<br><br>Fl-AT, fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fl-HU, fil-LT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br><br>Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi ħlief għas-soġġorni ta' CSS sa tliet xhur.<br><br>Fil-FI: Il-persuna fiżika trid turi li jkollha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut.<br><br>IP:<br><br>Fl-AT, fil-BE, fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fid-DK, fi ES, fl-HU, fl-IT, fil-LT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br><br>Fil-FI: Il-persuna fiżika trid turi li jkollha għarfien speċjali rilevanti għas-servizz li jkun qed jiġi pprovdut.<br><br>Fil-HR: Mhux marbut. |

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| V-UE-8<br>Servizzi ta' riċerka u ta' żvilupp<br>(CPC 851, 852 ħlief għas-servizzi ta' psikologi[9], u 853) | CSS:<br>UE ħlief fin-NL u fl-SE: Jinħtieġ ftehim ta' ospitar ma' organizzazzjoni approvata tar-riċerka[10].<br>Fiċ-CZ, fid-DK, fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. |
| V-UE-9<br>Servizzi ta' reklamar<br>(CPC 871) | CSS:<br>Fl-AT, fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fid-DK, fil-EL, fil-FI, fl-HU, fil-LT, fil-LV, f'MT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. |
| V-UE-10<br>Servizzi ta' konsulenza dwar il-ġestjoni<br>(CPC 865) | CSS:<br>Fl-AT, fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fl-HU, fil-LT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br>Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-soġġorni ta' CSS sa tliet xhur.<br>IP:<br>Fl-AT, fil-BE, fil-BG, fiċ-CZ, fid-DK, fi ES, fil-HR, fl-HU, fl-IT, fil-LT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. |
| V-UE-11<br>Servizzi relatati mal-konsulenza dwar il-ġestjoni<br>(CPC 866) | CSS:<br>Fl-AT, fil-BG, f'CY, fiċ-CZ, fil-LT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br>Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-soġġorni ta' CSS sa tliet xhur.<br>Fl-HU: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għal servizzi tal-arbitraġġ u ta' konċiljazzjoni (CPC 86602), f'liema każ: Mhux marbut. |

[9] Parti minn CPC 85201, li jaqa' taħt servizzi mediċi u dentali.

[10] Għall-Istati Membri kollha ħlief għad-DK, l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tar-riċerka u tal-ftehim ta' hosting għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti skont id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU UE L 132, 21.5.2016, p. 21).

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| V-UE-12<br>Servizzi ta' ttestjar u ta' analiżi tekniċi<br>(CPC 8676) | CSS:<br>Fl-AT, fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fil-FI, fl-HU, fil-LT, fil-LV, f'MT, fil-PT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br>Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-soġġorni ta' CSS sa tliet xhur. |
| V-UE-13<br>Servizzi relatati ta' konsulenza xjentifika u teknika<br>(CPC 8675) | CSS:<br>Fl-AT, fiċ-CZ, f'CY, fil-DE, fid-DK, fil-FI, fl-HU, fil-LT, fil-LV, f'MT, fil-PT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br>Fil-BG: Mhux marbut.<br>Fil-DE (Surveyors maħtura pubblikament): Mhux marbut.<br>Fi FR: (Operazzjonijiet ta' stħarriġ relatati mal-istabbiliment ta' drittijiet tal-proprjetà u mal-liġi tal-artijiet): Mhux marbut. |
| V-UE-14<br>Il-manutenzjoni u t-tiswija ta' prodotti tal-metall, ta' makkinarju (mhux tal-uffiċċju), ta' tagħmir (mhux tat-trasport u mhux tal-uffiċċju) u ta' oġġetti personali u domestiċi[11] fil-kuntest ta' kuntratt ta' servizzi ta' wara l-bejgħ jew ta' wara l-lokazzjoni<br>(CPC 633, 7545, 8861, 8862, 8864, 8865 u 8866) | CSS:<br>Fl-AT, fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fil-DE, fid-DK, fl-HU, fl-IE, fil-LT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br>Fil-FI: Mhux marbut, ħlief fil-kuntest ta' kuntratt ta' wara l-bejgħ jew ta' wara l-lokazzjoni, f'liema każ it-tul tas-soġġorn ikun limitat għal sitt xhur. Manutenzjoni u tiswija ta' oġġetti personali u domestiċi (CPC 633): Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. |

11 Is-servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' makkinarju u tagħmir tal-uffiċċji inklużi kompjuters (CPC 845) huma kklassifikati taħt servizzi tal-kompjuters.

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| V-UE-15<br>Servizzi tat-traduzzjoni<br>(CPC 87905, minbarra attivitajiet uffiċjali jew ċertifikati) | CSS:<br>Fl-AT, fil-BG, fiċ-CZ, fid-DK, fil-FI, fl-HU, fl-IE, fil-LT, fil-LV, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br>IP:<br>Fl-AT, fil-BE, fil-BG, fiċ-CZ, fid-DK, fil-EL, fi ES, fil-FI, fl-HU, fl-IE, fl-IT, fil-LT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br>Fil-HR: Mhux marbut. |
| V-UE-16<br>Servizzi ta' kostruzzjoni u servizzi ta' inġinerija relatati<br>(CPC 511, 512, 513, 514, 515, 516, 517 u 518. Fil-BG: CPC 512, 5131, 5132, 5135, 514, 5161, 5162, 51641, 51643, 51644, 5165 u 517) | CSS:<br>Fl-UE: Mhux marbut ħlief fil-BE, fiċ-CZ, fid-DK, fi ES, fi FR, fin-NL u fis-SE.<br>Fiċ-CZ: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br>Fi FR: Mhux marbut, ħlief għat-tekniċi, jekk: Il-permess tax-xogħol jingħata għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur. Meħtieġa l-konformità ma' test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. |
| V-UE-17<br>Xogħol ta' investigazzjoni ta' siti<br>(CPC 5111) | CSS:<br>Fl-AT, fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fil-FI, fl-HU, fil-LT, fil-LV, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br>Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-soġġorni sa tliet xhur. |
| V-UE-18<br>Servizzi ta' edukazzjoni għolja<br>(CPC 923) | CSS:<br>Fl-UE ħlief fil-LU, fl-SE: Mhux marbut.<br>Fil-LU: Mhux marbut, ħlief għal professuri universitarji, f'liema każ xejn.<br>Fl-SE: (Forituri ta' servizzi edukattivi ffinanzjati pubblikament u privatament b'xi forma ta' appoġġ mill-Istat): Mhux marbut. |

| Settur jew sottosettur | Deskrizzjoni tar-riżervi |
|---|---|
| V-UE-19<br>Servizzi ambjentali<br>(CPC 9401, 9402, 9403, 9404, parti minn 94060, 9405, parti minn 9406 u 9409) | CSS:<br>Fl-AT, fil-BG, fiċ-CZ, f'CY, fil-DE, fid-DK, fil-EL, fl-HU, fil-LT, fil-LV, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi. |
| V-UE-20<br>Servizzi ta' aġenziji tal-ivvjaġġar u operaturi turistiċi (CPC 7471 inklużi maniġers tat-tours[12]) | CSS:<br>Fil-BE, fl-IE: Mhux marbut, ħlief għall-maniġers tat-tours, f'liema każ l-ebda wieħed.<br>Fil-BG, fil-EL, fil-FI, fl-HU, fil-LT, fil-LV, f'MT, fil-PT, fir-RO u fis-SK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi.<br>Fid-DK: Test tal-ħtiġijiet ekonomiċi, ħlief għas-soġġorni sa tliet xhur. |

[12] Fornituri ta' servizzi li l-funzjoni tagħhom hija li jakkumpanjaw grupp turisitiku ta' mill-inqas 10 persuni fiżiċi, mingħajr ma jaġixxu bħala gwidi f'postijiet speċifiċi.

**Appendiċi V-B**

FORNITURI TA' SERVIZZI KUNTRATTWALI U PROFESSJONISTI INDIPENDENTI

LISTA TAL-MESSIKU

Fornituri ta' Servizzi Kuntrattwali

1. Din il-kategorija tinkludi wkoll professjonisti u professjonisti tekniċi.

2. Għall-finijiet ta' din il-kategorija:

(a) "professjonist" tfisser persuna fiżika involuta f'okkupazzjoni speċjalizzata li teħtieġ:

(i) l-applikazzjoni teoretika u prattika ta' korp ta' għarfien speċjalizzat; u

(ii) il-kisba ta' diploma postsekondarja għad-dħul fl-impjieg;

(b) "professjonist tekniku" tfisser professjonist li jkun:

(i) l-applikazzjoni teoretika u prattika ta' korp ta' għarfien speċjalizzat; u

(ii) kiseb diploma postsekondarja għad-dħul f'dik l-okkupazzjoni.

3. Lista ta' riżervi

| Settur jew Sottosettur | Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet (inkluż it-tul tas-soġġorn) |
|---|---|
| Is-setturi kollha | 1. Għall-finijiet ta' dħul temporanju, il-Messiku għandu jagħti soġġorn ta' sena, li jista' jiġi estiż tliet darbiet għal sena kull darba.<br>2. Il-Messiku għandu jippermetti d-dħul temporanju u jipprovdi dokumentazzjoni ta' konferma lil persuna professjonali li tkun qed tfittex li twettaq attività kummerċjali f'livell professjonali jew professjonali tekniku, abbażi ta' kuntratt ta' xogħol, dment li jiġu ppreżentati dawn li ġejjin:<br>(a) dokumentazzjoni li turi li l-persuna professjonali se tkun impenjata b'dan il-mod u li tiddeskrivi l-iskop tad-dħul; u<br>(b) dokumentazzjoni li turi li l-persuna professjonali għandha r-rekwiżiti akkademiċi minimi jew diplomi jew ċertifikati akkademiċi alternattivi.<br>3. Għal aktar ċertezza, id-dħul temporanju ta' professjonist jew professjonist tekniku ma għandux jimplika r-rikonoxximent ta' diplomi jew ċertifikati akkademiċi, jew l-għoti ta' liċenzji għal prattika professjonali.<br>4. Din il-kategorija hija suġġetta għal offerta ta' impjieg imħallas fil-Messiku. |

| Settur jew Sottosettur | Kundizzjonijiet u Limitazzjonijiet<br>(inkluż it-tul tas-soġġorn) |
|---|---|
| | 5. L-okkupazzjonijiet jew l-attivitajiet li ġejjin għandhom jingħataw dħul temporanju fil-kategorija ta' professjonist tekniku:<br>(a) id-disinn u r-reklamar;<br>(b) l-arkitettura u d-disinn intern;<br>(c) il-kontabilità u l-ġestjoni;<br>(d) it-turiżmu u l-gastronomija;<br>(e) is-sistemi u l-computing;<br>(f) l-inġinerija;<br>(g) is-saħħa (tinkludi l-infermerija teknika, l-ispiżerija u l-fiżjoterapija);<br>(h) il-kostruzzjoni;<br>(i) l-elettriku u l-komunikazzjoni;<br>(j) il-produzzjoni industrijali; u<br>(k) il-manutenzjoni u t-tiswija ta' makkinarju u ta' tagħmir (inklużi l-manutenzjoni u t-tiswija tat-tipi kollha ta' vetturi, bastimenti u inġenji tal-ajru), sakemm il-professjonist tekniku ma jkunx parti mill-ekwipaġġ ta' kwalunkwe bastiment jew inġenju tal-ajru li jtajjar il-bandiera jew li juri l-logo ta' negozjant Messikan.<br>Il-Messiku għandu jagħti dħul u soġġorn temporanju lill-konjuġi tal-fornituri ta' servizzi kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea, lill-professjonisti tal-Unjoni Ewropea u lill-professjonisti tekniċi tal-Unjoni Ewropea. Il-Messiku għandu jagħti permess tax-xogħol lill-konjuġi tal-fornituri ta' servizzi kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea, lill-professjonisti tal-Unjoni Ewropea u lill-professjonisti tekniċi tal-Unjoni Ewropea, suġġett għal offerta ta' impjieg minn qabel f'konformità mad-dritt tal-Messiku. |

ANNESS VI

SERVIZZI FINANZJARJI

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-lista ta' Parti għal dan l-Anness tistabbilixxi:

(a) fit-Taqsima A, skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 18.12 (Riżervi u Miżuri Mhux Konformi), il-miżuri eżistenti ta' dik il-Parti li ma jikkonformawx mal-obbligi stabbiliti fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

   (i) 18.3 (Trattament Nazzjonali);

   (ii) 18.4 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit);

   (iii) 18.5 (Aċċess għas-Suq);

   (iv) 18.6 (Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi); jew

   (v) 18.7 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji); u

(b) fit-Taqsima B, skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 18.12 (Riżervi u Miżuri Mhux Konformi), is-setturi, is-sottosetturi jew l-attivitajiet speċifiċi li għalihom dik il-Parti tista' żżomm miżuri eżistenti, jew tadotta miżuri ġodda jew aktar restrittivi, li ma jikkonformawx mal-obbligi stabbiliti fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(i) 18.3 (Trattament Nazzjonali);

(ii) 18.4 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit);

(iii) 18.5 (Aċċess għas-Suq);

(iv) 18.6 (Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi); jew

(v) 18.7 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji).

2. Il-Lista ta' Parti hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-Partijiet skont il-GATS.

3. Kull entrata fit-Taqsima A tal-Lista ta' Parti tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "settur" tirreferi għas-settur ġenerali li fih issir l-entrata;

(b) "sottosettur" tirreferi għas-settur speċifiku li fih issir l-entrata;

(c) "obbligi kkonċernati" tispeċifika l-obbligi msemmija fis-subparagrafu 1(a) li, skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 18.12 (Riżervi u Miżuri Mhux Konformi), ma japplikawx għall-miżuri elenkati fl-entrata;

(d) "livell ta' Gvern" tindika l-livell ta' gvern li jżomm il-miżuri speċifikati;

(e) "miżuri" tidentifika l-liġijiet, ir-regolamenti jew miżuri oħra li għalihom issir l-entrata. Miżura ċċitata fl-element tal-"miżuri":

    (i) tfisser il-miżura kif emendata, issoktata jew imġedda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim;

    (ii) tinkludi kwalunkwe miżura subordinata adottata jew miżmuma taħt l-awtorità tal-miżura u konsistenti mal-miżura; u

    (iii) tinkludi, għad-direttivi tal-Unjoni Ewropea, kwalunkwe liġi, regolament jew miżura oħra li timplimenta d-Direttiva rilevanti fil-livell tal-Istati Membri; u

(f) "Deskrizzjoni" jew tistabbilixxi l-aspetti mhux konformi tal-miżura eżistenti jew tipprovdi deskrizzjoni ġenerali mhux vinkolanti tal-miżura li għaliha ssir l-entrata.

4. Fl-interpretazzjoni ta' entrata fit-Taqsima A, għandhom jitqiesu l-elementi kollha ta' dik l-entrata. L-element tal-"miżura" għandu jipprevali fuq l-elementi l-oħra kollha.

5. Kull entrata fit-Taqsima B tal-Lista tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) "settur" tirreferi għas-settur ġenerali li fih issir l-entrata;

(b) "sottosettur" tirreferi għas-settur speċifiku li fih issir l-entrata;

(c) "obbligi kkonċernati" tispeċifika l-obbligi msemmija fis-subparagrafu 1(b) li, skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 18.12 (Riżervi u Miżuri Mhux Konformi), ma japplikawx għas-setturi, is-sottosetturi jew l-attivitajiet elenkati fl-entrata;

(d) "Livell ta' Gvern" tindika l-livell ta' gvern li jżomm il-miżuri speċifikati;

(e) "Deskrizzjoni" tistabbilixxi l-ambitu tas-setturi, tas-sottosetturi, jew tal-attivitajiet koperti mir-riżerva; u

(f) "Miżuri Eżistenti", jekk speċifikati, tidentifika, għal finijiet ta' trasparenza, lista mhux eżawrjenti ta' miżuri eżistenti li japplikaw għas-settur, għas-sottosettur jew għall-attivitajiet koperti mir-riżerva.

6. Fl-interpretazzjoni ta' entrata fit-Taqsima B, għandhom jitqiesu l-elementi kollha ta' dik l-entrata. L-element tad-"deskrizzjoni" għandu jipprevali fuq l-elementi l-oħra kollha.

7. L-elenkar ta' riżerva fit-Taqsima A jew B ma jfissirx li din ma tistax tiġi ġġustifikata mod ieħor bħala miżura adottata jew miżmuma għal raġunijiet prudenzjali skont l-Artikolu 18.13 (Konċessjoni Prudenzjali).

8. Riżerva miżmuma fil-livell tal-Unjoni Ewropea tapplika għal miżura tal-Unjoni Ewropea u ta' Stat Membru fil-livell nazzjonali kif ukoll għal miżura ta' gvern fi Stat Membru, sakemm ir-riżerva ma teskludix Stat Membru.

9. Riżerva miżmuma fil-livell nazzjonali tal-Messiku jew ta' Stat Membru tapplika għal miżura ta' gvern fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali f'dak il-pajjiż.

10. Għal ċertezza akbar, miżura adottata jew miżmuma f'konformità mal-Artikolu 18.18 (Regolament Domestiku u Trasparenza) li tikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 18.3 (Trattament Nazzjonali), 18.4 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit), 18.5 (Aċċess għas-Suq), 18.6 (Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi), jew 18.7 (Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji), ma hemmx għalfejn tiġi elenkata fil-Lista ta' Parti.

11. Għal ċertezza akbar, il-"limitazzjonijiet fuq il-parteċipazzjoni ta' kapital barrani f'termini ta' limitu perċentwali massimu fuq il-parteċipazzjoni azzjonarja barranija jew il-valur totali ta' investiment barrani individwali jew aggregat" ma jikkostitwixxux limitazzjoni għall-Artikolu 18.5 (Aċċess għas-Suq).

12. L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw fil-Lista tal-Unjoni Ewropea:

AT l-Awstrija

BE il-Belġju[1]

BG il-Bulgarija

CY Ċipru

CZ iċ-Ċekja

DE il-Ġermanja

DK id-Danimarka

EE l-Estonja

EL il-Greċja

ES Spanja

[1] Għall-finijiet tar-riżervi tal-Belġju, il-livell ċentrali tal-gvern ikopri l-gvern federali u l-gvernijiet tar-reġjuni u l-komunitajiet billi kull wieħed minnhom għandu setgħat leġiżlattivi ekwipollenti.

UE l-Unjoni Ewropea, inklużi l-Istati Membri kollha tagħha

FI il-Finlandja[2]

FR Franza

HR il-Kroazja

HU l-Ungerija

IE l-Irlanda

IT l-Italja

LT il-Litwanja

LU il-Lussemburgu

LV il-Latvja

MT Malta

NL in-Netherlands

[2] Għall-finijiet tar-riżervi tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membrti tagħha, livell reġjonali tal-gvern fil-Finlandja jfisser il-Gżejjer Åland.

PL il-Polonja

PT il-Portugall

RO ir-Rumanija

SE l-Iżvezja

SI is-Slovenja

SK is-Slovakkja

13. Għal aktar ċertezza, għall-Unjoni Ewropea, l-obbligu li jingħata trattament nazzjonali ma jinvolvix ir-rekwiżit li t-trattament mogħti fi Stat Membru lil persuni fiżiċi u ġuridiċi ta' Stat Membru ieħor skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "TFUE"), jew skont kwalunkwe miżura adottata skont dak it-Trattat, inkluż l-implimentazzjoni tagħha fl-Istati Membri, jiġi estiż għal persuni fiżiċi jew għall-intrapriżi tal-Messiku. Skont it-TFUE, dak it-trattament jingħata biss lil intrapriżi kkostitwiti jew organizzati f'konformità mad-dritt ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom fl-Unjoni Ewropea, inklużi dawk l-intrapriżi stabbiliti fl-Unjoni Ewropea li jkunu proprjetà ta' persuni fiżiċi jew intrapriżi tal-Messiku jew li jkunu kontrollati minn dawn tal-aħħar.

14. Għal aktar ċertezza, għall-finijiet tal-Lista tal-Messiku, it-termini "Nazzjon" u "Stat" ifissru l-Messiku.

**Appendiċi VI-A**

RIŻERVI GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI

LISTA TAL-UE

(applikabbli fl-Istati Membri kollha sakemm ma jkunx indikat mod ieħor)

TAQSIMA A

VI-UE-A-1

| | |
|---|---|
| Settur: | Servizzi Finanzjarji |
| Sottosettur: | Assigurazzjoni |
| Obbligi Kkonċernati: | Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3) |
| | Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6) |
| | Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7) |

Livell ta' Gvern: L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fil-BG: L-assigurazzjoni għall-pensjoni għandha titwettaq bħala kumpanija b'ishma konġunti liċenzjata f'konformità mal-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali u rreġistrata skont l-Att dwar il-Kummerċ jew skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor (ebda fergħa).

Il-promoturi u l-azzjonisti tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni għall-pensjoni jistgħu jkunu persuni ġuridiċi mhux residenti, reġistrati bħala assigurazzjoni soċjali, assigurazzjoni kummerċjali jew istituzzjoni finanzjarja oħra skont il-liġi tal-Istat Membru ta' dawk il-persuni ġuridiċi mhux residenti, jekk jippreżentaw referenzi bankarji minn bank barrani tal-ewwel klassi kkonfermati mill-Bank nazzjonali Bulgaru. Persuni fiżiċi mhux residenti ma jistgħux ikunu promoturi u azzjonisti ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni għall-pensjoni.

L-introjtu tal-fondi tal-pensjoni volontarja supplimentari, kif ukoll introjtu simili direttament marbut mal-assigurazzjoni tal-pensjoni volontarja mwettqa minn persuni li huma rreġistrati skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ieħor u li jistgħu, f'konformità mal-leġiżlazzjoni kkonċernata, iwettqu operazzjonijiet ta' assigurazzjoni tal-pensjoni volontarja, ma għandux ikun taxxabbli skont il-proċedura stabbilita mill-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiv.

Il-President tal-bord maniġerjali, il-President tal-bord tad-diretturi, id-direttur eżekuttiv u l-aġent maniġerjali jeħtiġilhom ikollhom indirizz permanenti jew ikollhom permess ta' residenza fit-tul fil-BG.

Miżuri:

il-BG: Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali, l-Artikoli 120a sa 162, 209 sa 253 u 260 sa 310.

VI-UE-A-2

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Assigurazzjoni

Obbligi Kkonċernati: Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)

Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6)

Livell ta' Gvern: L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fl-AT: Sabiex jiksbu liċenzja biex jiftħu fergħa, l-assiguraturi barranin għandu jkollhom il-forma ġuridika ta' kumpanija b'ishma konġunti jew ta' assoċjazzjoni tal-assigurazzjoni reċiproka jew forma simili f'pajjiżhom.

Il-maniġment ta' fergħa għandu jkun magħmul tal-anqas minn żewġ persuni fiżiċi residenti fl-AT.

Fil-BG: Qabel ma jistabbilixxi fergħa jew aġenzija sabiex jipprovdi assigurazzjoni, assiguratur jew riassiguratur barrani jrid ikun ġie awtorizzat biex jopera fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni bħal dawk li jkun jixtieq jipprovdi fil-BG.

Rekwiżit ta' residenza għall-membri ta' korp maniġerjali u superviżorju ta' intrapriżi ta' (ri)assigurazzjoni u għal kull persuna awtorizzata li timmaniġġa jew tirrappreżenta l-intrapriża ta' (ri)assigurazzjoni.

Miżuri:

l-AT: L-Att dwar is-Superviżjoni tal-Assigurazzjoni (Versicherungsaufsichtsgesetz, VAG), il-punt 5 (1) 3.

il-BG: Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni, l-Artikoli 12, 56 sa 63, 65, 66 u l-paragrafu 4 tal-Artikolu 80.

VI-UE-A-3

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Assigurazzjoni

Obbligi Kkonċernati: Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)

Livell ta' Gvern: L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fi ES: Qabel ma jistabbilixxi fergħa jew aġenzija fi ES, sabiex jipprovdi ċerti klassijiet ta' assigurazzjoni, assiguratur barrani jrid ikun ġie awtorizzat sabiex jopera fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu għal tal-anqas ħames snin.

Fil-PT: Sabiex jistabbilixxu fergħa jew aġenzija, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni barranin jeħtieġ li juru esperjenza operattiva preċedenti ta' mill-anqas ħames snin.

Fil-PT, fi ES, u fil-BG: Il-fergħat diretti ma humiex permessi għall-intermedjazzjoni tal-assigurazzjoni, li hija riżervata għal kumpaniji stabbiliti skont id-dritt ta' Stat Membru.

Fl-SE: L-intrapriżi tal-medjazzjoni fl-assigurazzjoni mhux inkorporati fl-UE jistgħu jiġu stabbiliti biss permezz ta’ fergħa.

Miżuri:

il-BG: Il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni, l-Artikoli 12, 56 sa 63, 65, 66 u l-paragrafu 4 tal-Artikolu 80.

ES: Reglamento de Ordenación, Supervisión y Solvencia de Entidades Aseguradoras y Reaseguradoras (RD 1060/2015, l-Artikolu 36.

il-PT: id-Digriet Liġi 94-B/98 l-Artikolu 7 u t-Taqsima VI tal-Kapitolu I, id-Digriet Liġi 144/2006, il-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 34 u l-Artikolu 7.

VI-UE-A-4

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Assigurazzjoni

Obbligi Kkonċernati: Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Livell ta' Gvern: L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fl-DE u fil-LT: Il-provvista ta' servizzi diretti tal-assigurazzjoni minn kumpaniji tal-assigurazzjoni mhux stabbiliti fl-UE tirrikjedi l-istabbiliment u l-awtorizzazzjoni ta' fergħa.

Miżuri

il-DE: il-punti 67 sa 69 tal-Att dwar is-Superviżjoni tal-Assigurazzjoni (Versicherungsaufsichtsgesetz, VAG) għas-servizzi kollha tal-assigurazzjoni li timplimenta s-Solvibbiltà 2; b'rabta mal-punt 105 tal-Luftverkehrs-Zulassungs-Ordnung (LuftVZO) għall-assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabbiltà tal-ajru biss.

il-LT: Il-Liġi dwar l-Assigurazzjoni, it-18 ta' Settembru, 2003, Nru IX-1737, l-aħħar emenda fil-15 ta' Diċembru 2016; u l-Liġi Nru XIII-98.

VI-UE-A-5

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Assigurazzjoni

Obbligi Kkonċernati: Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)

Livell ta' Gvern: L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fil-EL: Id-dritt ta' stabbiliment ma jippermettix il-ħolqien ta' uffiċċji rappreżentattivi jew preżenza permanenti oħra ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni, ħlief jekk dawk l-uffiċċji jkunu stabbiliti bħala aġenziji, fergħat jew uffiċċji prinċipali.

Fil-PL: L-inkorporazzjoni lokali (ebda fergħa) hija meħtieġa għall-intermedjarji tal-assigurazzjoni.

Miżuri:

il-EL: Id-Digriet Leġiżlattiv 400/1970.

il-PL: l-Att dwar l-Attività tal-Assigurazzjoni tat-22 ta' Mejju 2003; u

L-Att dwar il-medjazzjoni fl-assigurazzjoni tat-22 ta' Mejju 2003 (il-Ġurnal tal-Liġijiet 2003, Nru 124, punt 1154), l-Artikoli 16 u 31.

VI-UE-A-6

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra

Obbligi Kkonċernati: Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)

Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Livell ta' Gvern: L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fl-IT: Sabiex tkun awtorizzata topera s-sistema ta' saldu tat-titoli jew tipprovdi servizzi ta' depożitarju ċentrali tat-titoli bi stabbiliment fl-IT, kumpanija trid tkun inkorporata Fl-IT (ebda fergħa).

Fil-każ ta' skemi ta' investiment kollettiv minbarra intrapriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (minn hawn 'il quddiem, "UCITS") armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, it-trustee jew id-depożitarju huwa meħtieġ li jkun stabbilit fl-IT jew fi Stat Membru ieħor u jkollu fergħa fl-IT.

L-intrapriżi maniġerjali ta' fondi ta' investiment mhux armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE huma wkoll meħtieġa li jiġu inkorporati fl-IT (ebda fergħa).

Il-banek, l-intrapriżi tal-assigurazzjoni, id-ditti tal-investiment u l-intrapriżi li jimmaniġġaw UCITS li jkunu armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-UE li jkollhom l-uffiċċju prinċipali legali tagħhom fl-UE, kif ukoll UCITS inkorporati fl-IT biss jistgħu jwettqu l-attività ta' ġestjoni ta' riżorsi ta' fond ta' pensjoni.

Meta jipprovdu l-attività tal-bejgħ bieb bieb, l-intermedjarji jridu jużaw bejjiegħa finanzjarji awtorizzati residenti fit-territorju ta' Stat Membru.

L-uffiċċji rappreżentattivi ta' intermedjarji mhux tal-UE ma jistgħux iwettqu attivitajiet għall-provvista ta' servizzi ta' investiment, inkluż in-negozjar akkont proprju u għan-nom tal-klijenti, it-tqegħid u s-sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji (fergħa meħtieġa).

Miżuri:

l-IT: Id-Digriet Leġiżlattiv 58/1998, l-Artikoli 1, 19, 28, 30 sa 33, 38, 69 u 80;

ir-Regolament Konġunt tal-Bank tal-Italja u Consob tat-22 ta' Frar 1998, l-Artikoli 3 u 41;

ir-Regolament tal-Bank tal-Italja tal-25 ta' Jannar 2005, Titolu V, Kapitolu VII, Taqsima II;

ir-Regolament tal-Consob 16190 tad-29.10.2007, l-Artikoli 17 sa 21, 78 sa 81, 91 sa 111; u suġġett għal:

ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDR), l-Artikolu 69(4).

VI-UE-A-7

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra

Obbligi Kkonċernati: Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)

Livell ta' Gvern: L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fil-BG: L-istituzzjoni finanzjarja għandu jkollha n-negozju prinċipali tagħha fit-territorju tal-BG.

Fl-HU: Il-fergħat ta' kumpaniji ta' mmaniġġjar ta' fondi ta' investiment mhux taż-ŻEE ma għandhomx ikunu involuti fl-immaniġġjar ta' fondi ta' investiment tal-UE u ma għandhomx jipprovdu servizzi ta' mmaniġġjar ta' assi lil fondi ta' pensjoni privati.

Miżuri:

il-BG: il-Liġi tal-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, l-Artikolu 3a;

il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali, l-Artikolu 121e; u

il-Liġi dwar il-Munita, l-Artikolu 3.

l-HU: l-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; u

l-Att CXX tal-2001 dwar is-Suq Kapitali.

VI-UE-A-8

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra

Obbligi Kkonċernati: Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6)

Livell ta' Gvern: L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fil-BG: Bank għandu jiġi mmaniġġjat u rrappreżentat b'mod konġunt minn mill-inqas żewġ persuni fiżiċi, li mill-inqas wieħed minnhom għandu jkun profiċjenti fil-lingwa Bulgara. Il-persuni fiżiċi li jimmaniġġjaw u jirrappreżentaw lill-bank għandhom ikunu preżenti personalment fl-indirizz tal-ġestjoni tiegħu.

Fl-HU: Il-bord tad-diretturi ta' istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollu mill-inqas żewġ membri li huma residenti tal-HU skont ir-regolamenti dwar il-muniti barranin u li qabel kellhom residenza permanenti fl-HU għal mill-inqas sena.

Fl-SE: Fundatur ta' bank tat-tfaddil għandu jkun persuna fiżika residenti fiż-ŻEE.

Miżuri:

il-BG: Il-Liġi tal-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, l-Artikolu 10;

il-Kodiċi tal-Assigurazzjoni Soċjali, l-Artikolu 121e; u

il-Liġi dwar il-Munita, l-Artikolu 3.

l-HU: L-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; u

l-Att CXX tal-2001 dwar is-Suq Kapitali.

l-SE: l-Att dwar il-Banek tat-Tfaddil (Sparbankslagen) (1987:619), il-Kapitolu 2, il-punt 1, it-tieni paragrafu.

VI-UE-A-9

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra

Obbligi Kkonċernati: Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)

Livell ta' Gvern: L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor)

Deskrizzjoni:

Fil-PT: L-immaniġġjar ta' fondi tal-pensjoni jista' jiġi pprovdut biss minn kumpaniji speċjalizzati inkorporati fil-PT għal dak il-għan u minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fil-PT u awtorizzati sabiex jibdew in-negozju tal-assigurazzjoni tal-ħajja, jew minn entitajiet awtorizzati sabiex jipprovdu immaniġġjar ta' fondi tal-pensjoni fi Stati Membri oħra. Il-fergħat diretti minn pajjiżi mhux tal-UE ma humiex permessi.

Fir-RO: L-operaturi tas-suq huma persuni ġuridiċi stabbiliti bħala kumpaniji b'ishma konġunti skont id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-Kumpaniji. Sistemi alternattivi ta' negozjar jistgħu jiġu mmaniġġjati minn operatur tas-sistema stabbilit skont il-kundizzjonijiet deskritti hawn fuq jew minn ditta ta' investiment awtorizzata mill-Kummissjoni Nazzjonali tat-Titoli (Comisia Nationala a Valorilor Mobiliare, CNVM).

Fis-SI: Skema tal-pensjoni tista' tiġi pprovduta minn fond tal-pensjoni reċiproka, li ma huwiex entità ġuridika u għalhekk huwa ġestit minn kumpanija tal-assigurazzjoni, bank jew kumpanija tal-pensjoni. B'mod addizzjonali, skema tal-pensjoni tista' tiġi offruta wkoll minn fornituri ta' skemi tal-pensjoni stabbiliti f'konformità mal-liġi ta' Stat Membru.

Miżuri:

il-PT: id-Digriet Liġi 12/2006, kif emendat bid-Digriet Liġi 180/2007;

id-Digriet-Liġi 357-A/2007; u

ir-Regolament 7/2007-R, kif emendat bir-Regolament 2/2008-R, ir-Regolament 19/2008-R u r-Regolament 8/2009.

ir-RO: il-Liġi Nru 297/2004 dwar is-swieq kapitali; u r-Regolament Nru 2/2006 tas-CNVM (Comisia Nationala a Valorilor Mobiliare) dwar is-swieq regolati u s-sistemi alternattivi ta' negozjar.

is-SI: L-Att dwar l-Assigurazzjoni tal-Pensjoni u tal-Invalidità (Gazzetta Uffiċjali Nru 102/15).

VI-UE-A-10

| | |
|---|---|
| Settur: | Servizzi Finanzjarji |
| Sottosettur: | Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra |
| Obbligi Kkonċernati: | Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7) |
| Livell ta' Gvern: | L-UE jew Stat Membru (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) |

Deskrizzjoni:

Fl-HU: Il-kumpaniji mhux taż-ŻEE jistgħu jipprovdu servizzi finanzjarji jew jipparteċipaw f'attivitajiet awżiljarji għas-servizzi finanzjarji biss permezz ta' fergħa fl-HU.

Miżuri:

l-HU: l-Att CCXXXVII tal-2013 dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u l-Intrapriżi Finanzjarji; u

l-Att CXX tal-2001 dwar is-Suq Kapitali.

TAQSIMA B

VI-EU-B-1

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Kollha

Obbligi Kkonċernati: Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.6)

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tirrikjedi li istituzzjoni finanzjarja, minbarra fergħa, li tistabbilixxi ruħha fi Stat Membru, tadotta forma ġuridika speċifika fuq bażi nondiskriminatorja.

VI-EU-B-2

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi tal-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni

Obbligi Kkonċernati: Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)

Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)

Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6)

Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Deskrizzjoni:

Fil-FI: Il-provvista ta' servizzi ta' sensara tal-assigurazzjoni hija suġġetta għal post permanenti ta' negozju fl-UE.

Huma biss l-assiguraturi li għandhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fl-UE jew li għandhom il-fergħa tagħhom fil-FI li jistgħu joffru servizzi ta' assigurazzjoni diretta, inkluża l-koassigurazzjoni.

Mill-inqas nofs il-membri tal-bord tad-diretturi u tal-bord superviżorju, u d-direttur maniġerjali ta' kumpanija tal-assigurazzjoni li tipprovdi assigurazzjoni statutorja tal-pensjoni għandu jkollhom il-post ta' residenza tagħhom fiż-ŻEE, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux taw eżenzjoni. L-assiguraturi barranin ma jistgħux jiksbu liċenzja fil-FI bħala fergħa biex iwettqu l-assigurazzjoni statutorja tal-pensjoni. Mill-inqas awditur wieħed għandu jkollu r-residenza permanenti tiegħu fiż-ŻEE.

Għal kumpaniji tal-assigurazzjoni oħrajn, ir-residenza fiż-ŻEE hija meħtieġa għal mill-inqas membru wieħed tal-bord tad-diretturi, tal-bord superviżorju u għad-direttur maniġerjali. Mill-inqas awditur wieħed għandu jkollu r-residenza permanenti tiegħu fiż-ŻEE. L-aġent ġenerali ta' kumpanija tal-assigurazzjoni tal-Messiku jrid ikollu l-post tar-residenza tiegħu fil-FI, sakemm il-kumpanija ma jkollhiex l-uffiċċju prinċipali tagħha fl-UE.

Miżuri:

l-Att dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni Barranin (Laki ulkomaisista vakuutusyhtiöistä) (398/1995); l-Att dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni (Vakuutusyhtiölaki) (521/2008);

l-Att dwar il-Medjazzjoni fl-Assigurazzjoni (Laki vakuutusedustuksesta) (570/2005);

l-Att dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni (Laki vakuutusten tarjoamisesta) (234/2018); u

l-Att dwar il-Kumpaniji li jipprovdu Assigurazzjoni Statutorja tal-Pensjoni (Laki työeläkevakuutusyhtiöistä) (354/1997).

VI-UE-B-3

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi tal-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni

Obbligi Kkonċernati: Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)

Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)

Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Deskrizzjoni:

Fil-DE: Kumpanija tal-assigurazzjoni barranija li tkun stabbilixxiet fergħa fil-DE tista' tikkonkludi kuntratti ta' assigurazzjoni fil-DE relatati mat-trasport internazzjonali biss permezz tal-fergħa stabbilita fil-DE.

Fi ES: Ir-residenza, jew inkella sentejn ta' esperjenza, hija meħtieġa għall-professjoni attwarja.

Fl-HU: Il-provvista ta' assigurazzjoni diretta fit-territorju tal-HU minn kumpaniji tal-assigurazzjoni mhux stabbilita fl-UE hija permessa biss permezz ta' fergħa rreġistrata fl-HU.

Fis-SK: Ċittadini barranin jistgħu jistabbilixxu kumpanija tal-assigurazzjoni fil-forma ta' kumpanija b'ishma konġunti jew jistgħu jwettqu negozju tal-assigurazzjoni permezz tal-fergħat tagħhom li jkollhom uffiċċju reġistrat fis-SK. L-awtorizzazzjoni fiż-żewġ każijiet hija suġġetta għall-evalwazzjoni tal-awtorità superviżorja.

L-assigurazzjoni tat-trasport bl-ajru u bil-baħar, li tkopri l-inġenju tal-ajru/il-bastiment u r-responsabbiltà, tista' tiġi sottoskritta biss minn kumpaniji tal-assigurazzjoni stabbiliti fl-UE jew mill-fergħa tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni mhux stabbiliti fl-UE awtorizzati fir-Repubblika Slovakka.

Miżuri:

il-DE: il-paragrafu 2 tal-punt 43 Luftverkehrsgesetz (LuftVG); u

il-paragrafu 1 tal-punt 105 Luftverkehrszulassungsordnung (LuftVZO).

l-HU: l-Att LX tal-2003.

is-SK: l-Att 39/2015 dwar l-Assigurazzjoni.

VI-EU-B-4

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi tal-assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni

Obbligi Kkonċernati: Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Deskrizzjoni:

Fl-HU: Il-provvista ta' assigurazzjoni diretta fit-territorju tal-HU minn kumpaniji tal-assigurazzjoni mhux stabbilita fl-UE hija permessa biss permezz ta' fergħa rreġistrata fl-HU.

Miżuri:

l-HU: l-Att LX tal-2003.

VI-UE-B-5

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra

Obbligi Kkonċernati: Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)

Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)

Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Deskrizzjoni:

L-UE tirriżerva d-dritt li tadotta jew iżżomm kwalunkwe miżura li tirrikjedi li l-intrapriżi li jkollhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fl-UE biss jistgħu jaġixxu bħala depożitarji tal-assi ta' fondi ta' investiment.

L-istabbiliment ta' intrapriża maniġerjali speċjalizzata li jkollha l-uffiċċju prinċipali u l-uffiċċju rreġistrat tagħha fl-istess Stat Membru huwa meħtieġ iwettaq l-attivitajiet ta' mmaniġġjar ta' fondi komuni, inklużi l-fondi mutwi, u fejn permess mil-liġi nazzjonali, l-intrapriżi ta' investiment.

Miżuri:

Fl-UE: Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), kif emendat bl-2010/78/UE, l-2011/61/UE, l-2013/14/UE u l-2014/91/UE; u

id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv (AIFM), kif emendata mill-2013/14/UE.

VI-EU-B-6

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra

Obbligi Kkonċernati: Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)

Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Deskrizzjoni:

Fl-EE: Għall-aċċettazzjoni tad-depożiti, jeħtieġ l-awtorizzazzjoni mill-Awtorità tas-Superviżjoni Finanzjarja tal-Estonja u r-reġistrazzjoni taħt id-dritt tal-Estonja bħala kumpanija b'ishma konġunti, sussidjarja jew fergħa.

Fis-SK: Is-servizzi ta' investiment fis-SK jistgħu jiġu pprovduti biss minn kumpaniji maniġerjali li għandhom il-forma ġuridika ta' kumpanija b'ishma konġunti b'kapital ta' ekwità skont il-liġi (ebda fergħa).

Miżuri:

l-EE: l-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (Krediidiasutuste seadus) il-punt 21 u l-punt 206.

is-SK: l-Att 566/2001 dwar it-Titoli u s-Servizzi ta' Investiment; u l-Att 483/2001 dwar il-Banek.

VI-EU-B-7

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra

Obbligi Kkonċernati: Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)

Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)

Deskrizzjoni:

Fl-IT: Tista' tiġi adottata kwalunkwe miżura fir-rigward tas-servizzi ta' konsulenti finanzjarji (consulenti finanziari).

Miżuri:

l-IT: ir-Regolament tal-Consob dwar l-Intermedjarji (nru 16190 tad-29 ta' Ottubru 2007) l-Artikoli 91 sa 111.

VI-UE-B-8

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra

Obbligi Kkonċernati: Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)

Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6)

Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Deskrizzjoni:

Fil-FI: Mill-inqas wieħed mill-fundaturi, il-membri tal-bord tad-diretturi, il-bord superviżorju, id-direttur maniġerjali tal-fornituri tas-servizzi bankarji u l-persuna fiżika intitolata li tiffirma l-isem tal-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollhom r-residenza permanenti tagħhom fiż-ŻEE. Mill-inqas awditur wieħed għandu jkollu r-residenza permanenti tiegħu fiż-ŻEE. Għas-servizzi ta' pagamenti, tista' tkun meħtieġa r-residenza jew id-domiċilju fil-FI.

Miżuri:

il-FI: l-Att dwar il-Banek Kummerċjali u Istituzzjonijiet ta' Kreditu Oħrajn fil-Forma ta' Kumpanija b'Responsabbiltà Limitata (Laki liikepankeista ja muista osakeyhtiömuotoisista luottolaitoksista) (1501/2001);

l-Att dwar il-Banek tat-Tfaddil (Säästöpankkilaki) (1502/2001);

l-Att dwar il-Banek Kooperattivi u Istituzzjonijiet ta' Kreditu Oħrajn fil-Forma ta' Bank Kooperattiv (Laki osuuspankeista ja muista osuu skuntamuotoisista luottolaitoksista) (1504/2001));

l-Att dwar il-Kumpaniji tal-Ipoteki (Laki hypoteekkiyhdistyksistä) (936/1978);

l-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Pagament (Maksulaitoslaki) (297/2010);

l-Att dwar l-Operat ta' Istituzzjoni ta' Pagament Barranija fil-Finlandja (Laki ulkomaisen maksulaitoksen toiminnasta Suomessa) (298/2010); u

l-Att dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (Laki luottolaitostoiminnasta) ((121/2007).

**Appendiċi VI-B**

RIŻERVI GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI

LISTA TAL-MESSIKU

TAQSIMA A

VI-MX-A-1

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi bankarji u Servizzi Finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)

Obbligi Kkonċernati: Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)

Livell ta' Gvern: Ċentrali

Miżuri: il-Liġi dwar l-Unjonijiet tal-Kreditu (Ley de Uniones de Crédito), l-Artikolu 21.

il-Liġi Ġenerali tal-Organizzazzjonijiet tal-Kreditu u l-Attivitajiet Awżiljarji (Ley General de Organizaciones y Actividades Auxiliares del Crédito), l-Artikolu 87-D.

Deskrizzjoni:

Il-parteċipazzjoni minn persuna, kemm jekk diretta jew indiretta, fl-istokk kapitali ta' unjoni ta' kreditu jew entità finanzjarja regolata b'diversi skopijiet marbuta ma' unjoni ta' kreditu ma għandhiex taqbeż il-15 %, sakemm ma tkunx awtorizzata mill-Kummissjoni Nazzjonali tal-Banek u t-Titoli (Comisión Nacional Bancaria y de Valores) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "CNBV").

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti, persuna barranija, inkluża kwalunkwe intrapriża barranija mingħajr personalità ġuridika, tista' tipparteċipa indirettament fl-istokk kapitali ta' unjoni ta' kreditu jew entità finanzjarja regolata b'diversi skopijiet marbuta ma' unjoni ta' kreditu sa 15 %, dment li l-ishma rispettivi tal-unjoni ta' kreditu jinxtraw minn intrapriża Messikana li fiha dik il-persuna barranija għandha parteċipazzjoni.

VI-MX-A-2

| | |
|---|---|
| Settur: | Servizzi finanzjarji |
| Sottosettur: | is-Servizzi Kollha |
| Obbligi kkonċernati: | Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)<br><br>Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5) |
| Livell ta' Gvern: | Ċentrali |
| Miżuri: | Il-Liġi li Tirregola l-Gruppi Finanzjarji (Ley para Regular las Agrupaciones Financieras), l-Artikoli 67, 68, 70, 72, 74 u 76.<br><br>Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (Ley de Instituciones de Crédito), l-Artikoli 45-A, 45-B, 45-C, 45-E, 45-G u 45-I.<br><br>Il-Liġi dwar is-Suq tat-Titoli (Ley del Mercado de Valores), l-Artikoli 2, 160, 161, 163, 165 u 167. |

Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (Ley de Instituciones de Seguros y de Fianzas), l-Artikoli 2, 74, 75, 77, 78, 79 u 81.

Il-Liġi Ġenerali dwar l-Organizzazzjonijiet ta' Kreditu u l-Attivitajiet Awżiljarji (Ley General de Organizaciones y Actividades Auxiliares del Crédito), l-Artikoli 45 Bis 1, 45 Bis 2, 45 Bis 3, 45 Bis 5, 45 Bis 7 u 45 Bis 9.

Il-Liġi dwar il-Fondi ta' Investiment (Ley de Fondos de Inversión), l-Artikoli 62, 63, 64, 66, 68 u 70.

Il-Liġi dwar is-Sistemi ta' Tfaddil għall-Irtirar (Ley de los Sistemas de Ahorro para el Retiro), l-Artikolu 21.

Ir-Regoli għall-Istabbiliment ta' Sussidjarji ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji Barranin (Reglas para el establecimiento de Filiales de Instituciones Financieras del Exterior), l-Ewwel, it-Tmien u d-Disa' Regoli.

Deskrizzjoni:

Istituzzjoni finanzjarja ta' Stat Membru tista' tinvesti fl-istokk kapitali ta' kumpanija azzjonarja ta' grupp finanzjarju, bank kummerċjali, ditta tat-titoli, istituzzjoni ta' avall, istituzzjoni tal-assigurazzjoni, ditta tal-munita barranija, maħżen tad-depożiti ġenerali, kumpanija maniġerjali ta' fondi ta' investiment, kumpanija ta' distribuzzjoni ta' ishma ta' fondi ta' investiment, u kumpanija għall-immaniġġjar tal-fondi tal-irtirar, organizzata bħala sussidjarja Messikana (fergħa) ta' istituzzjoni finanzjarja barranija, dment li tali istituzzjoni finanzjarja ta' Stat Membru tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) twettaq direttament jew indirettament fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, f'konformità mal-liġi applikabbli, l-istess tip ta' servizz finanzjarju li s-sussidjarja rispettiva titħalla twettaq fil-Messiku;

(b) tkun inkorporata f'dak l-Istat Membru u skont il-liġi tiegħu dment li tali Stat Membru jibqa' Parti għal dan il-Ftehim; u

(c) tikseb awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet finanzjarji kompetenti tal-Messiku u tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi rispettiva.

Istituzzjoni finanzjarja ta' Stat Membru jrid ikollha tal-anqas 51 % tal-istokk kapitali tas-sussidjarja.

VI-MX-A-3

| | |
|---|---|
| Settur: | Servizzi Finanzjarji |
| Sottosettur: | is-Servizzi Kollha |
| Obbligi kkonċernati: | Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5) |
| Livell ta' Gvern: | Ċentrali |
| Miżuri: | Il-Liġi li Tirregola l-Gruppi Finanzjarji (Ley para Regular las Agrupaciones Financieras), l-Artikolu 67.<br><br>Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (Ley de Instituciones de Crédito), l-Artikolu 45-A<br><br>Il-Liġi dwar is-Suq tat-Titoli (Ley del Mercado de Valores), l-Artikolu 2.<br><br>Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (Ley de Instituciones de Seguros y de Fianzas), l-Artikolu 2.<br><br>Il-Liġi Ġenerali dwar l-Organizzazzjonijiet tal-Kreditu u l-Attivitajiet Awżiljarji (Ley General de Organizaciones y Actividades Auxiliares del Crédito), l-Artikolu 45 Bis 1. |

Il-Liġi dwar il-Fondi ta' Investiment (Ley de Fondos de Inversión), l-Artikolu 62.

Il-Liġi dwar is-Sistemi ta' Tfaddil għall-Irtirar (Ley de los Sistemas de Ahorro para el Retiro), l-Artikolu 21.

Ir-Regoli għall-Istabbiliment ta' Sussidjarji ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji Barranin (Reglas para el establecimiento de Filiales de Instituciones Financieras del Exterior), l-Ewwel Regola.

Deskrizzjoni:

L-istituzzjonijiet finanzjarji ta' Stat Membru, bħal kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja barranija oħra, ma humiex permessi jistabbilixxu fergħat fit-territorju tal-Messiku[3].

[3] Għal aktar ċertezza, din il-formulazzjoni ma għandhiex titqies li hija devjazzjoni mill-pożizzjoni tal-Messiku fi ftehimiet internazzjonali oħra li daħal għalihom.

VI-MX-A-4

| | |
|---|---|
| Settur: | Servizzi Finanzjarji |
| Sottosettur: | is-Servizzi Kollha |
| Obbligi Kkonċernati: | Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)<br><br>Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5) |
| Livell ta' Gvern: | Ċentrali |
| Miżuri: | Il-Liġi li Tirregola l-Gruppi Finanzjarji (Ley para Regular las Agrupaciones Financieras), l-Artikolu 24.<br><br>Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (Ley de Instituciones de Crédito), l-Artikolu 13.<br><br>Il-Liġi dwar is-Suq tat-Titoli (Ley del Mercado de Valores), l-Artikoli 117 u 237.<br><br>Il-Liġi li Tirregola l-Korporazzjonijiet tal-Informazzjoni dwar il-Kreditu (Ley para Regular las Sociedades de Información Crediticia), l-Artikolu 8. |

Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (Ley de Instituciones de Seguros y de Fianzas), l-Artikolu 50.

Il-Liġi dwar is-Sistemi ta' Tfaddil għall-Irtirar (Ley de los Sistemas de Ahorro para el Retiro), l-Artikolu 21.

Il-Liġi Ġenerali tal-Organizzazzjonijiet tal-Kreditu u l-Attivitajiet Awżiljarji (Ley General de Organizaciones y Actividades Auxiliares del Crédito), l-Artikoli 8 u 87-D.

Il-Liġi dwar il-Fondi ta' Investiment (Ley de Fondos de Inversión), l-Artikolu 37.

il-Liġi dwar l-Unjonijiet tal-Kreditu (Ley de Uniones de Crédito), l-Artikolu 21.

Deskrizzjoni:

Gvernijiet barranin ma humiex permessi jipparteċipaw, direttament jew indirettament, fl-istokk kapitali ta' kumpaniji azzjonarji ta' gruppi finanzjarji, banek kummerċjali, ditti tat-titoli, boroż, korporazzjonijiet ta' informazzjoni dwar il-kreditu, istituzzjonijiet tal-avall, istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni, kumpaniji tal-immaniġġjar tal-fondi tal-irtirar, ditti tal-munita barranija, organizzazzjonijiet ta' kreditu awżiljarji, imħażen ta' depożitu ġenerali, kumpaniji maniġerjali ta' fondi ta' investiment, kumpaniji ta' distribuzzjoni ta' ishma ta' fondi ta' investiment, unjonijiet ta' kreditu u entitajiet finanzjarji regolati b'diversi skopijiet marbuta ma' istituzzjoni ta' kreditu ħlief:

(a) f'każ li l-parteċipazzjoni ssir bħala miżura prudenzjali temporanja, bħal appoġġ jew għajnuna finanzjarja;

L-istituzzjonijiet finanzjarji li jaqgħu taħt din is-sitwazzjoni jridu jissottomettu l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti lill-awtorità finanzjarja kompetenti biex jagħtu prova ta' dik is-sitwazzjoni;

(b) f'każ li dik il-parteċipazzjoni timplika li l-gvern barrani jieħu kontroll[4] fuq dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji u titwettaq permezz ta' intrapriżi uffiċjali bħal fondi sovrani u entitajiet tal-iżvilupp pubbliku, dment li tkun ingħatat awtorizzazzjoni minn qabel, fuq bażi diskrezzjonali, mill-awtorità finanzjarja kompetenti, suġġett għall-kundizzjoni li l-awtorità tkun sodisfatta li dawk l-intrapriżi jagħtu prova li:

(i) ma jeżerċitaw l-ebda funzjoni tal-gvern; u

4 It-terminu "kontroll" għandu jinftiehem kif definit f'kull waħda mil-liġijiet indikati f'din il-miżura.

(ii) il-bordijiet maniġerjali tagħhom huma indipendenti mill-gvern barrani rispettiv; jew

(c) f'każ li dik il-parteċipazzjoni tkun indiretta u ma timplikax il-kontroll tal-istituzzjonijiet finanzjarji.

VI-MX-A-5

Settur:

Sottosettur: Servizzi Finanzjarji

is-Servizzi Kollha

Obbligi Kkonċernati: Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6)

Livell ta' Gvern: Ċentrali

Miżuri: Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (Ley de Instituciones de Crédito), l-Artikolu 23, 24, 45-K u 45-L.

Il-Liġi dwar is-Suq tat-Titoli (Ley del Mercado de Valores), l-Artikoli 124, 128, 131 u 168.

Il-Liġi li Tirregola l-Gruppi Finanzjarji (Ley para Regular las Agrupaciones Financieras), l-Artikoli 35, 60 u 77.

Il-Liġi dwar it-Tfaddil u l-Kreditu Popolari (Ley de Ahorro y Crédito Popular), l-Artikoli 21, 23 u 46 Bis.

il-Liġi dwar l-Unjonijiet tal-Kreditu (Ley de Uniones de Crédito), l-Artikolu 26.

Il-Liġi Ġenerali dwar l-Organizzazzjonijiet ta' Kreditu u l-Attivitajiet Awżiljarji (Ley General de Organizaciones y Actividades Auxiliares del Crédito), l-Artikoli 8, 8 Bis 1, 8 Bis 3, 45 Bis 11, 45 Bis 12, 45 Bis 13 u 87-D.

Il-Liġi li Tirregola l-Attivitajiet tal-Kumpaniji Kooperattivi tat-Tfaddil u tas-Self (Ley para Regular las Actividades de las Sociedades Cooperativas de Ahorro y Préstamo), l-Artikolu 5.

Il-Liġi Ġenerali dwar il-Kumpaniji Kooperattivi (Ley General de Sociedades Cooperativas), l-Artikolu 7.

Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (Ley de Instituciones de Seguros y de Fianzas), l-Artikoli 56, 58, 60 u 82.

Il-Liġi dwar il-Fondi ta' Investiment (Ley de Fondos de Inversión), l-Artikolu 73.

Il-Liġi dwar is-Sistemi ta' Tfaddil għall-Irtirar (Ley de los Sistemas de Ahorro para el Retiro), l-Artikoli 50 u 66 Bis.

Ir-Regoli għall-Istabbiliment ta' Sussidjarji ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji Barranin (Reglas para el Establecimiento de Filiales de Instituciones Financieras del Exterior), l-Għaxar Regola.

Ir-Regoli Applikabbli għall-Kmamar tal-Ikklirjar għall-Pagamenti bil-Kards (Reglas Aplicables a las Cámaras de Compensación para Pagos con Tarjetas), it-Tieni Regola.

Ir-Regoli Ġenerali Applikabbli għall-Entitajiet ta' Tfaddil u Kreditu Popolari, l-Organizzazzjonijiet ta' Integrazzjoni, il-Kumpaniji Finanzjarji Komunitarji u l-Organizzazzjonijiet ta' Integrazzjoni Finanzjarja Rurali, imsemmija fil-Liġi dwar it-Tfaddil u l-Kreditu Popolari (Disposiciones de carácter general aplicables a las entidades de ahorro y crédito popular, organismos de integración, sociedades financieras comunitarias y organismos de integración financiera rural, a que se refiere la Ley de Ahorro y Crédito Popular), l-Artikoli 335 u 336.

Deskrizzjoni:

Il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi tal-banek kummerċjali, tad-ditti tat-titoli, tal-kumpaniji azzjonarji ta' gruppi finanzjarji, tal-kumpaniji finanzjarji popolari, tal-kumpaniji finanzjarji komunitarji u tal-organizzazzjonijiet tal-integrazzjoni finanzjarja rurali, tal-unjonijiet tal-kreditu, tal-imħażen tad-depożiti ġenerali, tal-entitajiet finanzjarji regolati b'diversi skopijiet marbuta ma' istituzzjoni ta' kreditu, ta' ditti tal-munita barranija, tal-istituzzjonijiet tal-avall, tal-istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni, tal-kumpaniji tal-immaniġġjar tal-fondi tal-irtirar, tal-kumpaniji maniġerjali sussidjarji ta' fondi ta' investiment, tal-kumpaniji sussidjarji tad-distribuzzjoni ta' ishma ta' fondi ta' investiment u tal-kmamar tal-ikklirjar għall-pagamenti bil-kards, għandhom ikunu ċittadini tal-Messiku jew jirrisjedu fit-territorju Messikan.

Id-diretturi u l-maniġers ta' kumpaniji kooperattivi tat-tfaddil u tas-self għandhom ikunu ċittadini tal-Messiku.

VI-MX-A-6

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi bankarji u Servizzi Finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)

Obbligi Kkonċernati: Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)

Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)

Livell ta' Gvern: Ċentrali

Miżuri: Il-Liġi dwar is-Suq tat-Titoli (Ley del Mercado de Valores), l-Artikolu 167.

Deskrizzjoni:

Jekk ditta tat-titoli organizzata bħala sussidjarja (fergħa) ta' istituzzjoni finanzjarja ta' Stat Membru takkwista ishma ta' ditta tat-titoli Messikana, li ma għandhomx ikunu anqas minn 51 % tal-istokk kapitali tagħha, dik is-sussidjarja trid tingħaqad mad-ditta tat-titoli.

VI-MX-A-7

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi bankarji u Servizzi Finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)

Obbligi Kkonċernati: Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)

Livell ta' Gvern: Ċentrali

Miżuri: Il-Liġi dwar is-Sistemi ta' Tfaddil għall-Irtirar (Ley de los Sistemas de Ahorro para el Retiro), l-Artikolu 26.

Deskrizzjoni:

Il-kumpaniji maniġerjali tal-fondi tal-irtirar ma għandhomx ikollhom aktar minn sehem ta' 20 % mis-suq tas-sistemi ta' tfaddil tal-irtirar[5].

Il-Kummissjoni tas-Sistema Nazzjonali ta' Tfaddil għall-Irtirar (Comisión Nacional del Sistema de Ahorro para el Retiro), (minn hawn 'il quddiem imsejħa "CONSAR") tista' tawtorizza limitu ta' aktar minn 20 %, sakemm dan ma jikkostitwixxix preġudizzju għall-interessi tal-ħaddiema.

---

5 It-terminu "suq" jirreferi għall-ammont totali ta' kontijiet individwali tal-irtirar.

VI-MX-A-8

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi bankarji u Servizzi Finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)

Obbligi Kkonċernati: Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)

Livell ta' Gvern: Ċentrali

Miżuri: Il-Liġi dwar is-Suq tat-Titoli (Ley del Mercado de Valores), l-Artikolu 234.

Deskrizzjoni:

L-organizzazzjoni ta' borża hija suġġetta għal konċessjoni mogħtija qabel, fuq bażi diskrezzjonali, mill-Gvern Federali. Id-deċiżjoni li tingħata dik il-konċessjoni għandha tkun suġġetta għal kunsiderazzjonijiet rigward l-iżvilupp tas-suq.

VI-MX-A-9

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi tal-Assigurazzjoni u Servizzi relatati mal-Assigurazzjoni

Obbligi Kkonċernati:

Livell ta' Gvern: Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Ċentrali

Miżuri: Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (Ley de Instituciones de Seguros y de Fianzas), l-Artikoli 20 sa 24.

Deskrizzjoni:

L-ebda persuna ma għandha tikkuntratta ma' entitajiet barranin l-assigurazzjoni ta':

(a) bwieq ta' inġenji marittimi jew korpi ta' inġenji tal-ajru, u kwalunkwe tip ta' vettura, għal riskji inerenti għall-industriji marittimi u tat-trasport, dment li dawk il-bwieq, korpi u vetturi jkollhom reġistrazzjoni fil-Messiku jew ikunu proprjetà ta' persuni b'domiċilju fil-Messiku;

(b) kreditu, kreditu tad-djar, avall u garanzija finanzjarja[6], jekk l-assigurat ikun suġġett għad-dritt tal-Messiku;

(c) ir-responsabbiltà ta' parti terza derivata minn avvenimenti li jistgħu jseħħu fit-territorju tal-Messiku; jew

(d) riskji oħra li jistgħu jseħħu fit-territorju tal-Messiku, ħlief għal assigurazzjoni kuntrattata barra minn dak it-territorju fir-rigward ta' oġġetti ttrasportati mit-territorju tal-Messiku lejn territorju barrani jew viċi versa, u assigurazzjoni kuntrattata minn persuni mhux residenti fil-Messiku għall-persuni jew il-vetturi tagħhom biex ikopru r-riskji matul id-dħul temporanju tagħhom fit-territorju tal-Messiku.

Għal aktar ċertezza, l-ebda persuna ma għandha tikkuntratta ma' entitajiet ta' Stat Membru l-assigurazzjoni ta' persuni li jinsabu fit-territorju tal-Messiku fil-mument tal-eżekuzzjoni tal-ftehim ta' assigurazzjoni jekk dik il-persuna tkun persuna fiżika, jew li l-assigurat jirrisjedi fil-Messiku jekk l-assigurazzjoni tiġi kuntrattata minn intrapriża[7].

Bħala eċċezzjoni għall-projbizzjonijiet indikati hawn fuq, il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (Comisión Nacional de Seguros y Fianzas) tista' tawtorizza persuna tikkuntratta kwalunkwe waħda mill-assigurazzjonijiet deskritti hawn fuq sakemm il-persuna turi li l-ebda waħda mill-istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni awtorizzati li joperaw fil-Messiku ma tkun tista' tidħol f'operazzjoni tal-assigurazzjoni partikolari proposta lilha jew tqis li jkun konvenjenti li tagħmel dan.

---

6 Il-projbizzjoni għall-assigurazzjoni ta' garanzija finanzjarja ma tapplikax jekk it-titoli jew id-dokumenti li huma s-suġġett tal-assigurazzjoni jipparteċipaw esklussivament fi swieq barranin.

7 Għal aktar ċertezza, din il-formulazzjoni ma għandhiex titqies li hija devjazzjoni mill-pożizzjoni tal-Messiku fi ftehimiet internazzjonali oħra li daħal għalihom.

VI-MX-A-10

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi bankarji u Servizzi Finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)

Obbligi Kkonċernati: Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Livell ta' Gvern: Ċentrali

Miżuri: Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (Ley de Instituciones de Seguros y de Fianzas), l-Artikoli 34 u 35.

Deskrizzjoni:

L-ebda persuna ma għandha tikkuntratta avall ma' entitajiet barranin biex tiggarantixxi atti ta' persuni fiżiċi u intrapriżi marbuta li jissodisfaw obbligi fit-territorju tal-Messiku, ħlief għar-riobbligazzjoni jew f'każ li dawk l-avalli jintlaqgħu mill-istituzzjonijiet Messikani ta' avall bħala kontrogaranzija[8].

Bħala eċċezzjoni għall-projbizzjonijiet indikati hawn fuq, il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (Comisión Nacional de Seguros y Fianzas) tista' tawtorizza persuna tikkuntratta kwalunkwe wieħed mill-avalli deskritti hawn fuq sakemm l-ebda waħda mill-istituzzjonijiet finanzjarji awtorizzati biex joperaw fil-Messiku ma tkun tista' twettaq operazzjoni ta' avall proposta lilha, jew tqis li jkun konvenjenti li tagħmel dan, wara verifika minn qabel li tkun ingħatat prova ta' dawk iċ-ċirkostanzi.

---

8 Għal aktar ċertezza, din il-formulazzjoni ma għandhiex titqies li hija devjazzjoni mill-pożizzjoni tal-Messiku fi ftehimiet internazzjonali oħra li daħal għalihom.

VI-MX-A-11

| | |
|---|---|
| Settur: | Servizzi Finanzjarji |
| Sottosettur: | Kollha |
| Obbligi Kkonċernati: | Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)<br><br>Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5) |
| Livell ta' Gvern: | Ċentrali |
| Miżuri: | Il-Liġi dwar l-Istituzzjonijiet tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (Ley de Instituciones de Seguros y de Fianzas), l-Artikolu 337<br><br>Ir-Regolament tal-Aġenti tal-Assigurazzjoni u tal-Avall (Reglamento de Agentes de Seguros y de Fianzas), l-Artikolu 12<br><br>Ir-Regoli għall-awtorizzazzjoni u l-operat tas-sensara tar-riassigurazzjoni (Reglas para la autorización y operación de intermediarios de reaseguros), ir-Raba' Regola. |

Deskrizzjoni:

Gvernijiet barranin jew entitajiet uffiċjali barranin ma għandhomx jipparteċipaw direttament jew indirettament f'kumpaniji tal-assigurazzjoni mutwa, fl-istokk kapitali ta' aġenziji tal-assigurazzjoni u tal-avall, jew fl-istokk kapitali ta' sensara tar-riassigurazzjoni.

Entitajiet finanzjarji barranin ma jistgħux jipparteċipaw fl-istokk kapitali ta' aġenziji tal-assigurazzjoni jew tal-avall, jew f'kumpaniji tal-assigurazzjoni mutwa.

Gruppi ta' persuni fiżiċi jew intrapriżi barranin, irrispettivament mill-forma li jadottaw, ma jistgħux jipparteċipaw f'kumpaniji tal-assigurazzjoni mutwa, la direttament u lanqas indirettament. Għal aktar ċertezza, persuni fiżiċi barranin jistgħu jipparteċipaw f'kumpaniji tal-assigurazzjoni mutwa sakemm jagħmlu dan individwalment u mhux bħala parti minn grupp jew entità.

VI-MX-A-12

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Assigurazzjoni

Obbligi Kkonċernati: Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)

Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)

Livell ta' Gvern Ċentrali

Miżuri: Il-Liġi dwar il-Fondi ta' Assigurazzjoni Agrikola u Rurali (Ley de Fondos de Aseguramiento Agropecuario y Rural), l-Artikolu 26.

Deskrizzjoni:

Huma biss iċ-ċittadini tal-Messiku jew l-intrapriżi tal-Messiku bi klawżola ta' esklużjoni tal-barranin li jistgħu jippartecipaw fil-Fondi tal-Assigurazzjoni Agrikola u Rurali (Fondos de Aseguramiento Agropecuario y Rural).

TAQSIMA B

VI-MX-B-1

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: is-Servizzi Kollha

Obbligi Kkonċernati: Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)

Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6)

Kummerċ Transfruntier fis-Servizzi Finanzjarji (Artikolu 18.7)

Livell ta' Gvern: Ċentrali

Deskrizzjoni:

Jekk ibiegħ jew jiddisponi mill-interess ta' ekwità tiegħu f'intrapriża tal-Istat eżistenti jew f'entità governattiva eżistenti, jew mill-assi tagħha, il-Messiku jista' jipprojbixxi jew jimponi limitazzjonijiet fuq is-sjieda ta' dak l-interess jew ta' dawk l-assi, kif ukoll fuq il-kapaċità tas-sidien ta' dak l-interess jew ta' dawk l-assi li jikkontrollaw kwalunkwe intrapriża li tirriżulta, minn investituri tal-Messiku, ta' Stat Membru, jew ta' pajjiż terz, jew l-investimenti tagħhom.

Barra minn hekk, il-Messiku jista' jimponi limitazzjonijiet fuq il-provvista tas-servizzi relatati ma' dawk l-investimenti. Fir-rigward ta' dak il-bejgħ jew disponiment ieħor, il-Messiku jista' jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura relatata man-nazzjonalità ta' persuni fiżiċi maħtura f'pożizzjonijiet maniġerjali superjuri ta' membri tal-bord tad-diretturi.

Għall-finijiet ta' din ir-riżerva:

(a) kwalunkwe miżura miżmuma jew adottata wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim li, fi żmien il-bejgħ jew disponiment ieħor, tipprojbixxi jew timponi limitazzjoni fuq is-sjieda tal-interess azzjonarju jew tal-assi jew timponi rekwiżiti ta' nazzjonalità deskritti f'din ir-riżerva għandha titqies bħala miżura eżistenti; u

(b) "intrapriża tal-Istat" tfisser intrapriża proprjetà tal-Messiku, jew ikkontrollata permezz ta' interessi proprjetarji mill-Messiku u tinkludi intrapriża stabbilita wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim unikament għall-għanijiet ta' bejgħ jew disponiment ta' interessi ta' ekwità, jew tal-assi ta' intrapriża tal-Istat jew entità tal-gvern eżistenti.

VI-MX-B-2

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: Servizzi bankarji u Servizzi Finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)

Obbligi Kkonċernati: Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)

Livell ta' Gvern: Ċentrali

Deskrizzjoni:

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm miżuri li jagħtu vantaġġi, inklużi drittijiet esklussivi, lil banek tal-iżvilupp, entitajiet deċentralizzati jew fondi pubbliċi għall-iżvilupp ekonomiku diġà stabbiliti fiż-żmien li dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ, kif ukoll kwalunkwe bank ġdid, riorganizzat jew bank għall-iżvilupp, entità deċentralizzata jew fond pubbliku ċessjonarju għall-iżvilupp ekonomiku b'funzjonijiet u objettivi simili għas-servizzi bankarji għall-iżvilupp.

L-istituzzjonijiet ta' servizzi bankarji għall-iżvilupp jinkludu:

(a) l-Istituzzjoni Finanzjarja Nazzjonali, S.N.C.( Nacional Financiera, S.N.C.);

(b) il-Bank Nazzjonali tax-Xogħlijiet u s-Servizzi pubbliċi, S.N.C. (Banco Nacional de Obras y Servicios Públicos, S.N.C.);

(c) il-Bank Nazzjonali għall-Kummerċ Barrani, S.N.C. (Banco Nacional del Comercio Exterior, S.N.C);

(d) il-Korporazzjoni Federali tal-Ipoteki, S.N.C.(Sociedad Hipotecaria Federal, S.N.C.);

(e) il-Bank Soċjali, S.N.C (Banco del Bienestar, S.N.C.);

(f) il-Bank Nazzjonali tal-Armata, il-Forza tal-Ajru u l-Forza Navali, S.N.C. (Banco Nacional del Ejército, Fuerza Aérea y Armada, S.N.C.); jew

(g) is-suċċessuri rispettivi tagħhom.

VI-MX-B-3

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: is-Servizzi Kollha

Obbligi Kkonċernati: Trattament Nazzjonali (Artikolu 18.3)

Livell ta' Gvern: Ċentrali

Deskrizzjoni:

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm miżuri li jagħtu vantaġġi, inklużi drittijiet esklussivi, lill-istituzzjonijiet nazzjonali tal-assigurazzjoni, lill-istituzzjonijiet nazzjonali tal-avall, lil fond nazzjonali tal-pensjoni jew lill-organizzazzjonijiet awżiljarji nazzjonali ta' kreditu eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, kif ukoll lil kwalunkwe istituzzjoni tal-assigurazzjoni nazzjonali, istituzzjoni nazzjonali tal-avall, fond nazzjonali tal-pensjoni jew organizzazzjoni nazzjonali awżiljarja ta' kreditu ġdida, riorganizzata jew ċessjonarja b'funzjonijiet u objettivi simili fir-rigward ta' finijiet ta' politika pubblika.

VI-MX-B-4

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: is-Servizzi Kollha

Obbligi Kkonċernati: Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)

Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi (Artikolu 18.6)

Livell ta' Gvern: Ċentrali

Deskrizzjoni:

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jadotta jew iżomm kwalunkwe miżura fir-rigward ta' kwalunkwe servizz finanzjarju li huwa pprovdut minn investiment kopert kif definit fl-Artikolu 10.1 (Definizzjonijiet) li ma huwiex investiment kopert f'istituzzjoni finanzjarja kif definit fl-Artikolu 18.1 (Definizzjonijiet), sabiex jirregola dik l-entità bħala istituzzjoni finanzjarja.

VI-MX-B-5

Settur: Servizzi Finanzjarji

Sottosettur: is-Servizzi Kollha

Obbligi Kkonċernati: Aċċess għas-Suq (Artikolu 18.5)

Livell ta' Gvern: Ċentrali

Deskrizzjoni:

Il-Messiku jirriżerva d-dritt li jirrestrinġi jew jirrikjedi li istituzzjoni finanzjarja ta' Stat Membru tadotta tip speċifiku ta' forma ġuridika, li tipprovdi servizz finanzjarju, fuq bażi nondiskriminatorja.

________________

**ANNESS VII**

FEHIM DWAR SERVIZZI ĠODDA MHUX KLASSIFIKATI FIL-KLASSIFIKAZZJONI ĊENTRALI PROVVIŻORJA TAL-PRODOTTI (CPC) TAN-NAZZJONIJIET UNITI, 1991

1. L-Artikoli 10.6 (Aċċess għas-Suq), 10.7 (Trattament Nazzjonali), 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit), 10.9 (Rekwiżiti ta' Prestazzjoni), 10.10 (Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi), 11.4 (Aċċess għas-Suq), 11.5 (Preżenza Lokali), 11.6 (Trattament Nazzjonali) u 11.7 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit), kif ukoll il-Kapitolu 13 (Regolament Domestiku), ma japplikawx għal miżura relatata ma' servizz ġdid li ma jistax jiġi kklassifikat fin-Nazzjonijiet Uniti, Dokumenti Statistiċi, Serje M, Nru 77, Klassifikazzjoni Ċentrali Provviżorja tal-Prodotti, 1991 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "CPC").

2. Sa fejn ikun possibbli, Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra qabel ma tadotta miżura relatata ma' servizz ġdid, kif imsemmi fil-paragrafu 1, li tkun inkonsistenti mal-Artikoli 10.6 (Aċċess għas-Suq), 10.7 (Trattament Nazzjonali), 10.8 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit), 10.9 (Rekwiżiti ta' Prestazzjoni), 10.10 (Maniġment Superjuri u Bord tad-Diretturi), 11.4 (Aċċess għas-Suq), 11.5 (Preżenza Lokali), 11.6 (Trattament Nazzjonali) u 11.7 (Trattament tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit) jew mal-Kapitolu 13 (Regolament Domestiku).

3. Fuq talba ta' Parti, il-Partijiet għandhom jidħlu f'negozjati biex jinkorporaw is-servizz il-ġdid fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim.

4. Għal ċertezza akbar, il-paragrafu 1 ma japplikax għal servizz eżistenti li jista' jiġi kklassifikat fis-CPC, iżda li ma setax jiġi pprovdut qabel minħabba nuqqas ta' fattibbiltà teknika

________________

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA
DWAR IL-KUMMERĊ U L-UGWALJANZA BEJN IL-ĠENERI
MILL-UNJONI EWROPEA U L-MESSIKU
FIL-QAFAS TAL-FTEHIM TA' SĦUBIJA STRATEĠIKA POLITIKA, EKONOMIKA U TA' KOOPERAZZJONI

Il-Partijiet,

Filwaqt LI JFAKKRU fil-valuri komuni tagħhom u fir-rabtiet kulturali, politiċi, ekonomiċi u ta' kooperazzjoni b'saħħithom li jgħaqqduhom,

Filwaqt LI JFAKKRU fl-impenn tagħhom li jimmodernizzaw u jissostitwixxu l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Messiku, (il-"Ftehim Globali"), konkluż fl-2000, biex jirrifletti realtajiet politiċi u ekonomiċi ġodda,

Filwaqt li JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet bilaterali, reġjonali u globali ta' tħassib komuni,

Filwaqt li KONVINTI li l-Ftehim ta' Sħubija Strateġika Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra (il-"Ftehim Globali Modernizzat") u l-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Messiku, se jkunu ta' benefiċċju għaż-żewġ Partijiet u jkomplu jsaħħu l-irbit tagħhom,

Filwaqt li JESPRIMU l-intenzjoni konġunta tagħhom li jikkooperaw dwar l-implimentazzjoni tal-aspetti tas-sostenibbilità tal-Parti III tal-Ftehim Globali Modernizzat iggwidati mill-konsiderazzjonijiet espressi f'li ġej fir-rigward tal-kummerċ u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-politiki kummerċjali inklużivi jikkontribwixxu għall-avvanz tal-emanċipazzjoni ekonomika tan-nisa u għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, f'konformità mal-Għan ta'

Żvilupp Sostenibbli Nru 5 tal-Aġenda 2030 tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u l-objettivi tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Kummerċ u t-Tisħiħ tal-Għoti tas-Setgħa Ekonomika tan-Nisa fl-Okkażjoni tal-Konferenza Ministerjali tad-WTO li saret fi Buenos Aires f'Diċembru 2017. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-kontribut importanti tan-nisa għat-tkabbir ekonomiku permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-attività ekonomika, inkluż il-kummerċ internazzjonali. Il-partijiet jimpenjaw ruħhom li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tal-Parti III tal-Ftehim Globali Modernizzat b'mod li jippromwovi u jsaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

2. Il-partijiet għandhom l-għan li jsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u l-kooperazzjoni tagħhom b'modi li effettivament jipprovdu opportunitajiet u trattament ugwali għan-nisa u l-irġiel biex jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-Parti III tal-Ftehim Globali Modernizzat, inkluż fi kwistjonijiet ta' impjiegi u okkupazzjoni, f'konformità mal-impenji internazzjonali tagħhom.

3. Kull Parti għandha timplimenta b'mod effettiv l-obbligi tagħha skont ftehimiet internazzjonali li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa li għalihom hija parti, inkluża l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-18 ta' Diċembru 1979, filwaqt li tinnota b'mod partikolari dawk id-dispożizzjonijiet relatati mal-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni kontra n-nisa fil-ħajja ekonomika u fil-qasam tal-impjiegi. F'dan ir-rigward, il-Partijiet itennu l-impenji rispettivi tagħhom skont l-Artikolu 26.3 ("Standards u Ftehimiet Multilaterali tax-Xogħol") tal-Parti III tal-Ftehim Globali Modernizzat inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjonijiet tal-ILO relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-impjiegi u l-okkupazzjoni.

4. Kull Parti għandha tistinka biex tiżgura li l-liġi u l-politiki rilevanti tagħha jipprevedu, u jippromwovu, drittijiet, trattament u opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel. Kull Parti għandha tagħmel ħilitha biex ittejjeb tali liġi u politiki, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kull Parti li tistabbilixxi l-ambitu u l-livelli ta' protezzjoni tagħha stess għal opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel. Tali liġi u politiki għandhom ikunu konsistenti mal-impenji ta' kull Parti għal standards u ftehimiet rikonoxxuti internazzjonalment imsemmija f'din id-Dikjarazzjoni Konġunta.

5. Il-partijiet għandhom jaħdmu flimkien biex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom dwar aspetti relatati mal-kummerċ tal-politiki u l-miżuri tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bilateralment, reġjonalment u

f'fora internazzjonali, kif xieraq, fost l-oħrajn permezz ta' attivitajiet biex jittejbu l-kapaċità u l-kundizzjonijiet għan-nisa, inklużi l-ħaddiema, in-negozjanti nisa u l-intraprendituri, biex jaċċessaw u jibbenefikaw mill-opportunitajiet maħluqa mill-Parti III tal-Ftehim Globali Modernizzat. Tali kooperazzjoni tista' tkopri, fost l-oħrajn, l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki relatati mal-ġbir ta' data diżaggregata skont il-ġeneru u l-analiżi abbażi tal-ġeneru tal-politiki kummerċjali.

6. Il-Partijiet jaqblu dwar l-importanza tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni, f'konformità mal-proċeduri domestiċi tagħhom, tal-impatt tal-implimentazzjoni tal-Parti III tal-Ftehim Globali Modernizzat fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-opportunitajiet indaqs għan-nisa b'rabta mal-kummerċ.

7. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-Partijiet rigward l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu, il-Partijiet għandu jkollhom rikors esklużiv għall-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim imsemmijin fl-Artikoli 26.17 u 26.18 tal-Parti III tal-Ftehim Globali Modernizzat, *mutatis mutandis*.